MT 2015

Nru 11

Rapport Speċjali

# Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd huma mmaniġġjati tajjeb mill-Kummissjoni?

CURIA RATIONUM
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: http://eca.europa.eu

Twitter: @EUAuditorsECA
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-872-2690-7 | ISSN 1831-0907 | doi:10.2865/525283 | QJ-AB-15-010-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-872-2713-3 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/90453 | QJ-AB-15-010-MT-N |
| EPUB | ISBN 978-92-872-2700-3 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/48603 | QJ-AB-15-010-MT-E |

© L-Unjoni Ewropea, 2015
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni tal-mappa fil-paġna 46, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

*Printed in Luxembourg*

MT 2015

Nru 11

Rapport Speċjali

# Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd huma mmaniġġjati tajjeb mill-Kummissjoni?

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

# Tim tal-awditjar



Ir-rapporti speċjali tal-QEA jagħtu r-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha, ta' oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex ikollhom impatt massimu billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni ġie prodott mill-Awla I tal-Awditjar — immexxija mill-Membru tal-QEA Augustyn Kubik — li tispeċjalizza fl-oqsma ta' nfiq ta' preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Jan Kinšt, b'appoġġ mill-kap tal-kabinett tiegħu, Alejandro Ballester Gallardo; Colm Friel, kap tal-unità; Maria Luisa Gómez-Valcárcel, awditur prinċipali; Oana Dumitrescu, awditur u Frédéric Soblet, awditur.



Mix-xellug għal-lemin: F. Soblet, M. L. Gómez-Valcárcel, C. Friel, J. Kinšt, A. Ballester Gallardo, O. Dumitrescu.

# Werrej



Paragrafu


**Abbrevjazzjonijiet**

I – XIII **Sommarju eżekuttiv**

1 – 13 **Introduzzjoni**

1 – 3 Il-ħtieġa għal ftehimiet internazzjonali dwar is-sajd

4 – 8 Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd (FPAs)

9 – 13 Il-flotta Ewropea tal-ilmijiet imbiegħda u l-FPAs

14 – 16 **Ambitu u approċċ tal-awditjar**

17 – 83 **Osservazzjonijiet**

17 – 53 Parti I — Negozjar tal-FPAs

17 – 25 Il-Kummissjoni nnegozjat u ġeddet l-FPAs fil-waqt biex tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni fl-attivitajiet tas-sajd

26 – 28 Il-Kummissjoni nnegozjat netwerk rilevanti ta' ftehimiet, iżda tista' tittejjeb il-konsistenza fi ħdan ir-reġjun tal-Oċean Indjan

29 – 32 Kien diffiċli biex jintlaħaq l-objettiv tal-FPAs, li jiġi żgurat li l-opportunitajiet tas-sajd innegozjati jikkonċernaw biss ir-riżorsi eċċessivi tas-sajd

33 – 46 L-ispiża tal-FPAs innegozjati mill-Kummissjoni kienet relattivament għolja, meta wieħed iqis ir-rati ta' użu fil-passat

47 – 53 L-informazzjoni pprovduta mill-evalwazzjonijiet *ex post* mhux dejjem kienet utli fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u fin-negozjati

54 – 83 Parti II — Implimentazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess u l-komponenti tal-appoġġ settorjali tal-FPAs

55 – 60 Il-proċess ta' awtorizzazzjoni tas-sajd (ħruġ tal-liċenzji) kien twil u ingombranti, iżda l-Kummissjoni ma kinitx ħadet miżuri biex tidentifika x'jista' jittejjeb

61 – 65 Il-monitoraġġ ċentrali tal-qabdiet ma kienx adegwat, u b'hekk ipoġġi f'riskju l-identifikazzjoni f'waqtha tal-problemi u l-kalkolu korrett tal-pagamenti

66 – 70 Il-Kummissjoni u l-pajjiżi sħab qablu dwar l-attivitajiet rilevanti li għandhom jiġu ffinanzjati bl-użu tal-appoġġ settorjali, iżda l-koordinazzjoni ma' sħab oħra fis-settur kienet nieqsa

71 – 76 Il-kontroll mill-Kummissjoni tal-azzjonijiet ta' appoġġ settorjali kien limitat u l-azzjonijiet li fil-fatt ġew implimentati mill-pajjiżi sħab, f'xi każijiet, kienu differenti minn dawk maqbula

## Werrej

77 – 83 Pagamenti li saru mill-Kummissjoni għall-appoġġ settorjali ma kinux marbuta mal-progress miksub mill-pajjiżi sħab fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet maqbula

84 – 95 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

**Anness I — Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd: informazzjoni ulterjuri dwar in-negozjar u l-implimentazzjoni tagħhom**

**Anness II — Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ għall-2015**

**Anness III — Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd**

**Risposta tal-Kummissjoni**

# Abbrevjazzjonijiet



**DĠ**: Direttorat Ġenerali

**ERS**: Sistema Elettronika ta’ Rappurtar (jew ġurnal ta’ abbord elettroniku)

**FAO**: Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura

**FEŻ**: Fond Ewropew għall-Iżvilupp

**FPA**: Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd

**IOC**: Kummissjoni tal-Oċean Indjan

**IOTC**: Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan

**MSY**: Rendiment Massimu Sostenibbli

**PS**: Pajjiżi Sħab

**QEA**: Qorti Ewropea tal-Awdituri

**RFMO**: Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd

**STECF**: Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd

**UE**: Unjoni Ewropea

**UNCLOS**: Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar

**VMS**: Sistema ta’ Monitoraġġ tal-Bastimenti

**ŻEE**: Żona Ekonomika Esklussiva

# Sommarju eżekuttiv



## I

L-Unjoni Ewropea (UE) tinnegozja ftehimiet ma' pajjiżi kostali sabiex tikseb drittijiet ta' aċċess għall-postijiet għas-sajd ta' dawn il-pajjiżi, għall-flotta esterna tal-UE. Dawn il-ftehimiet evolvew mill-ftehimiet ta' aċċess sempliċi tas-snin 80 għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) li jfittxu li jsostnu r-riżorsi tas-sajd filwaqt li jiżviluppaw ukoll is-settur tas-sajd tal-pajjiż sieħeb permezz tal-provvediment ta' appoġġ settorjali. Il-Kummissjoni qed tfittex li testendi n-netwerk ta' ftehimiet billi dawn joffru vantaġġi sinifikanti mhux biss lill-flotta tal-UE, iżda wkoll lill-pajjiżi sħab.

## II

Il-Qorti awditjat ftehimiet dwar is-sajd li għalihom issir kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit tal-UE (jiġifieri ġew esklużi ftehimiet ibbażati fuq l-iskambji ta' kwoti tas-sajd). Fiż-żmien tal-awditu, il-Qorti eżaminat 4 mit-12-il ftehim fis-seħħ: tal-Mauritania (ftehim dwar ħafna speċijiet fl-Oċean Atlantiku), ta' Madagascar, tal-Mozambique u tas-Seychelles (ftehimiet dwar it-tonn fl-Oċean Indjan). Dawn l-erba' FPAs kienu jirrappreżentaw 77 % tal-pagamenti taħt l-FPAs fl-2013.

## III

L-objettiv ta' dan l-awditu kien li jevalwa jekk l-FPAs humiex immaniġġjati tajjeb mill-Kummissjoni. Dan kien jinvolvi l-eżaminar tan-negozjar ta' FPAs, u l-implimentazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess u tal-appoġġ settorjali. L-awditu kkonkluda li l-FPAs huma ġeneralment immaniġġjati tajjeb mill-Kummissjoni, iżda li għad hemm bosta oqsma għal titjib, fir-rigward tal-proċess ta' negozjar u l-implimentazzjoni tal-protokolli.

## IV

Il-proċeduri għan-negozjar u l-aġġornament tal-FPAs huma spiss kumplessi u twal, iżda l-Kummissjoni ttrattat dawn id-diffikultajiet sew u, bi ftit eċċezzjonijiet, irnexxielha tevita li tinterrompi l-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tal-UE. In-netwerk ta' ftehimiet innegozjati kien relevanti għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-flotta tal-UE kkonċernata.

## V

Fejn negozjati twal ta' protokolli ġodda pperikolaw il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd, il-bastimenti tħallew, kif previst fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008, japplikaw mal-pajjiż terz ikkonċernat għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd permezz tal-Kummissjoni, sakemm jiġi ffirmat il-protokoll il-ġdid. Madankollu, dan mhuwiex konsistenti ma' rekwiżit regolatorju ieħor, jiġifieri "il-klawżola ta' esklussività", u l-applikazzjoni tiegħu wasslet għal nuqqas ta' ftehim bejn pajjiż sieħeb u l-Kummissjoni.

## VI

L-FPAs huma ppreżentati bħala strumenti li jiżguraw is-sostenibbiltà tas-sajd ikkonċernat. Kif stabbilit fir-Regolament bażiku dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, l-opportunitajiet tas-sajd li ġew innegozjati għandhom jippermettu li l-bastimenti tal-UE jistadu biss ir-riżorsi eċċessivi tal-pajjiżi sħab. Madankollu, il-kunċett ta' eċċess huwa diffiċli ħafna biex jiġi applikat fil-prattika minħabba nuqqas ta' informazzjoni affidabbli dwar l-istokkijiet ta' ħut u l-isforz tas-sajd min-naħa tal-flotot tas-sajd domestiċi, jew tal-flotot tas-sajd barranin oħra li wkoll ingħataw aċċess mill-pajjiżi sħab.

## VII

L-ispiża tal-unità reali mħallsa għal tunnellata ta' ħut kienet frekwentement ogħla mill-prezz tal-unità nnegozjat. Filwaqt li n-negozjati qiesu l-qabdiet irrappurtati minn protokolli preċedenti, it-tunnellaġġ ta' referenza maqbul fil-protokolli l-aktar reċenti ta' spiss baqa' ogħla, u b'hekk regolarment ġew utilizzati b'mod insuffiċjenti. Madankollu, il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE tħallset bis-sħiħ irrispettivament mill-opportunitajiet tas-sajd użati. L-użu insuffiċjenti tal-protokolli u l-ispejjeż għoljin riżultanti jistgħu jkunu parzjalment attribwibbli għall-kundizzjonijiet tekniċi li ġew innegozjati mal-pajjiżi sħab biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom jew biex jiżguraw is-sostenibbilta tal-attivitajiet tas-sajd.

## VIII

L-informazzjoni mogħtija f'evalwazzjonijiet *ex post* indipendenti tal-FPAs mhux dejjem tkun kompleta, konsistenti jew kumparabbli b'mod suffiċjenti, u għaldaqstant tnaqqas l-utilità tagħha biex tkun ta' informazzjoni għad-deċiżjonijiet meta jkunu qed jiġu nnegozjati l-protokolli.

## IX

L-awditu kkonkluda li l-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' aċċess ma kinitx robusta b'mod suffiċjenti. Il-Kummissjoni ma mmonitorjatx b'mod xieraq il-fluss tax-xogħol ta' proċessi twal u ingombranti ta' ħruġ tal-liċenzji biex tidentifika r-raġunijiet għat-tidwim u l-oqsma għal titjib.

## X

L-awditu identifika nuqqasijiet fil-ġestjoni tad-*data* dwar il-qabdiet, kif muri mid-differenzi bejn tad-*data* dwar il-qbid ipprovduta mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni u mill-evalwazzjonijiet *ex post*. Peress li l-pagamenti taħt l-FPAs huma bbażati fuq *data* dwar il-qabdiet, dan iwassal għal riskju finanzjarju.

## XI

Filwaqt li l-ippjanar tal-appoġġ settorjali tjieb, ir-rwol tal-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-protokolli awditjati kien għadu limitat. Ma hemm l-ebda qafas ċar li jistabbilixxi regoli ta' eliġibbilta u ta' traċċabbiltà għall-azzjonijiet iffinanzjati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma għandhiex drittijiet suffiċjenti ta' kontroll; pereżempju, f'xi każijiet il-pajjiżi sħab implimentaw azzjonijiet differenti minn dawk ippjanati, u jista' jkun li dawn ma jikkontribwixxux b'mod effettiv għall-ilħuq tal-objettivi tal-FPAs.

## XII

Fl-aħħar nett, il-protokolli jippermettu sospensjoni ta' pagamenti, iżda mhux għal tnaqqis parzjali tal-pagamenti għall-appoġġ settorjali meta l-azzjonijiet jew ir-riżultati maqbula jkunu biss parzjalment miksuba. Barra minn hekk, minkejja l-kondiviżjoni tal-istess kunċett ta' żvilupp, il-kundizzjonijiet għall-pagament tal-appoġġ settorjali huma differenti minn dawk għall-appoġġ baġitarju taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), u xi drabi dan iwassal għal inkonsistenzi tal-approċċ.

## XIII

Il-Qorti għandha r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin.

Biex ittejjeb in-negozjar ta' FPAs u protokolli ġodda, il-Kummissjoni għandha:

(a) tirrieżamina ftehimiet inattivi u tqis kif għandha tindirizza l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd imposti mill-klawżola ta' esklussività, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tal-Politika Komuni tas-Sajd. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tikkjarifika u tinkludi fil-protokolli dispożizzjonijiet xierqa biex tiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet tas-sajd bejn iż-żewġ protokolli;

(b) tiddefinixxi strateġiji reġjonali għall-iżvilupp ta' governanza tas-sajd u tiżgura li l-protokolli nnegozjati fi ħdan l-istess reġjun ikunu konsistenti mal-istrateġija reġjonali rilevanti u ma' fondi oħra tal-UE;

(c) meta tkun qed tinnegozja l-possibbiltajiet tas-sajd ta' protokolli ġodda, tqis ir-rati ta' utilizzazzjoni ta' protokolli preċedenti u tistinka biex torbot aħjar il-pagamenti għad-drittijiet ta' aċċess mal-qabdiet reali, filwaqt li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd ma jiġux affettwati b'mod avvers;

(d) tanalizza aħjar l-impatt potenzjali ta' klawżoli tal-SFPA dwar l-użu tal-protokoll, filwaqt li tissalvagwardja l-benefiċċji reċiproċi għall-UE u l-pajjiżi sħab ikkonċernati, forsi billi tikkonsulta l-partijiet interessati rilevanti biex tidentifika fejn valutazzjonijiet aktar dettaljati ta' klawżoli kritiċi huma neċessarji;

(e) tiffoka aħjar l-evalwazzjonijiet *ex post* biex tikseb analiżi konsistenti u kumparabbli tar-redditu fuq il-flus pubbliċi minfuqa taħt il-protokolli kif ukoll analiżi komprensiva u kritika tal-effettività tagħhom għall-UE u għall-pajjiż sieħeb ikkonċernat.

Biex titjieb l-implimentazzjoni tal-FPAs, il-Kummissjoni għandha, mingħajr tidwim:

(f) tistabbilixxi proċeduri biex timmonitorja kull wieħed mill-passi fil-proċess ta' ħruġ tal-liċenzji, inkluż iż-żmien meħud mill-Istati Membri, il-pajjiżi sħab, u s-servizzi tal-Kummissjoni, sabiex tidentifika u tagħmel segwitu għad-dgħufijiet fil-proċedura;

(g) tippromwovi l-aċċettazzjoni ta' liċenzji elettroniċi jew ta' lista ta' bastimenti awtorizzati għall-perjodu kollu ta' validità tal-liċenzji;

(h) tiżgura li l-bażi tad-*data* l-ġdida dwar il-qabdiet tintuża bis-sħiħ mill-Istati Membri tal-bandiera u tipprovdi *data* affidabbli dwar il-qabdiet li tista' tiġi kkonsolidata, immonitorjata u miżmuma aġġornata;

(i) għal protokolli ġodda, tipproponi l-introduzzjoni ta' rekwiżiti tal-eliġibbiltà biex jiġu vvalutati azzjonijiet li qed jitqiesu għall-finanzjament tal-appoġġ settorjali (rekwiżiti oħra jistgħu jkunu relatati mat-traċċabbiltà, l-għażla, ir-rappurtar u l-kejl tal-prestazzjoni, u d-drittijiet ta' kontroll għall-Kummissjoni);

(j) tiżgura koordinazzjoni effettiva dwar is-suġġett tal-appoġġ settorjali tal-FPAs ma' sħab oħra għall-iżvilupp li huma attivi fis-settur tas-sajd;

(k) tiżgura li l-iżborżamenti tal-appoġġ settorjali jkunu konsistenti ma' pagamenti oħra għall-appoġġ baġitarju tal-UE u bbażati fuq ir-riżultati miksubin mill-pajjiżi sħab fl-implimentazzjoni tal-matriċi ta' azzjonijiet maqbula komunement.

## Il-ħtieġa għal ftehimiet internazzjonali dwar is-sajd

01
Il-prinċipju ta' aċċess mingħajr ħlas għall-ibħra internazzjonali għeb gradwalment minn nofs is-snin 70 'il quddiem u b'segwitu għat-tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS III). Bid-dħul fis-seħħ fl-1982 wara disa' snin ta' negozjati, il-Konvenzjoni stabbilixxiet fil-liġi internazzjonali d-dritt li l-istati jitolbu s-sovranità fuq ilmijiet li jinsabu sa 200 mil nawtiku 'l bogħod mil-linji tal-kosta tagħhom (iż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE)), għall-iskop ta' esplorazzjoni u sfruttar, konservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali f'dawn l-ilmijiet. Aktar u aktar pajjiżi ddeċidew li jestendu s-sovranità tagħhom għal-limitu ta' 200 mil u, b'riżultat ta' dan, madwar 90 % tar-riżorsi tal-ħut ġew taħt il-kontroll ta' pajjiżi kostali. Ħafna flotot tal-ilmijiet mbiegħda[1], li qabel kienu stadu dawn l-ilmijiet, imbagħad ġew obbligati li jidħlu fi ftehimiet ta' aċċess ma' stati kostali.

02
B'riżultat ta' dan, l-UE (jew "il-Komunità Ewropea" kif kienet tissejjaħ f'dak iż-żmien) bdiet tinnegozja ftehimiet bilaterali dwar is-sajd ma' stati kostali, fil-biċċa l-kbira ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Dawn il-ftehimiet kienu inizjalment ftehimiet ta' aċċess sempliċi, li kienu jipprovdu opportunitajiet tas-sajd għall-flotta tal-UE tal-ilmijiet imbiegħda u sors importanti ta' dħul għal dawn l-istati fil-fażi tal-iżvilupp. Il-ftehimiet kienu ta' natura kummerċjali u ġeneralment ibbażati fuq il-prinċipju ta' "ħallas, stad u itlaq".

03
Mill-1981 'il hawn, l-UE nnegozjat ukoll għadd ta' "ftehimiet tat-Tramuntana". Dawn huma ftehimiet reċiproċi li jinvolvu skambju ta' opportunitajiet tas-sajd bejn il-flotot tal-UE u dawk tan-Norveġja, l-Iżlanda u l-Gżejjer Faeroe, mingħajr l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja. Dan ir-rapport ma jkoprix dawn il-ftehimiet.

## Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd (FPAs)

04
Il-ftehimiet ta' aċċess sempliċi kienu suġġetti għall-kritika, notevolment fir-rigward tal-effett tagħhom fuq stokkijiet sfruttati b'mod eċċessiv, in-nuqqas ta' trasparenza u ta' infurzar u konformità tagħhom mar-regolamenti, l-isfruttament minnhom tal-kapaċità dgħajfa tan-negozjar u ta' infurzar tal-istati kostali fil-fażi tal-iżvilupp, u talli ma kinux mezz xieraq għat-twassil ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fis-sajd.

05
B'rispons għal dawn il-kritiki, ir-riforma 2002 tal-Politika Komuni tas-Sajd introduċiet il-kunċett ta' "sħubija" biex tenfasizza l-objettivi tal-UE li jiġi appoġġat l-iżvilupp tas-settur nazzjonali tas-sajd fil-pajjiżi sħab tagħha (PS), li jitrawwem u jissaħħaħ id-djalogu ta' politika bejn l-UE u l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, u li jiġi promoss is-sajd sostenibbli. Din il-ġenerazzjoni ġdida ta' ftehimiet kienet imsejħa Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd (FPAs) (ara l-***Kaxxa 1***). Il-kontribuzzjoni finanzjarja nqasmet f'żewġ partijiet distinti: drittijiet ta' aċċess għaż-ŻEE u appoġġ finanzjarju "settorjali", li għandu l-għan li jippromwovi l-iżvilupp tas-sajd sostenibbli fil-pajjiżi sħab.

1 Bastimenti tas-sajd li jistadu barra l-ilmijiet nazzjonali tagħhom.

Kaxxa 1

## Objettivi tal-FPAs[2]

- Li jiżguraw l-isfruttar (sfruttament) razzjonali u sostenibbli ta' riżorsi ħajjin tal-baħar fil-pajjiżi sħab (l-introduzzjoni tal-kunċett ta' eċċess mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar)[3].
- Li jissalvagwardjaw l-impjiegi fir-reġjuni tal-Unjoni li jiddependu mis-sajd
- Li jiżguraw li s-settur tas-sajd tal-UE jibqa' jeżisti u jibqa' kompetittiv
- Li jiżguraw forniment adegwat għas-suq tal-Unjoni
- Li jiġġeneraw valur miżjud għall-Unjoni
- Li jtejbu l-amministrazzjoni tas-sajd tal-pajjiżi sħab billi jiżviluppaw il-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-kapaċitajiet ta' kontroll tagħhom
- Li jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku tas-settur tas-sajd f'pajjiżi sħab, kif ukoll l-impjiegi, il-kundizzjonijiet tas-saħħa u l-ambjent kummerċjali fis-settur

2 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd, id-19 ta' Lulju 2004 u d-19 u l-20 ta' Marzu 2012.
Il-biċċa l-kbira minn dawn l-objettivi kienu wkoll fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat-22 ta'  2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar (l-Artikolu 7) (ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1).
L-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p 22) jistipula l-prinċipji u l-objettivi tal-Ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli.

3 L-Artikolu 62(2) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) jirreferi għal dan l-eċċess bħala s-sehem tal-qabda permessa li l-Istat kostali ma jistax jew ma jixtieqx jisfrutta hu stess.

**06**
Il-Kummissjoni tqis li l-FPAs joffru vantaġġi sinifikanti fuq modi oħra kif il-flotta Ewropea tal-ilmijiet imbiegħda tista' tikseb aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi tal-pajjiżi terzi. B'mod partikolari:

- L-FPAs jagħtu lill-flotta Ewropea l-aċċess għall-postijiet għas-sajd taħt qafas legali aktar ċar, uniformi u aktar stabbli, u joffru ċertezza akbar tad-dritt minn ftehimiet privati bejn is-sidien Ewropej tal-bastimenti u pajjiżi mhux tal-UE. Is-sidien Ewropej tal-bastimenti esprimew ukoll preferenza għall-FPAs u talbu lill-Kummissjoni testendi n-netwerk ta' ftehimiet, anke akkost ta' żieda fil-kontribuzzjoni tagħhom għad-drittijiet ta' aċċess.
- L-FPAs irawmu kooperazzjoni xjentifika bejn l-UE u l-pajjiżi sħab tagħha. Il-protokolli jipprevedu laqgħat tal-kumitat xjentifiku biex jirrieżamina l-livelli tal-istokkijiet u jqis riżoluzzjonijiet tal-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd. Xi drabi, il-pajjiżi sħab jikkollaboraw ma' xjentisti tal-UE li jaħdmu fuq attivitajiet tal-flotot fil-pajjiżi tagħhom.

- Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għad-diversi flotot tal-ilmijiet mbiegħda fil-pajjiżi kostali taż-ŻEE, il-protokolli jipprevedu wkoll klawżola tan-nondiskriminazzjoni. Dan ifisser li l-istandards tekniċi u prinċipji oħra ta' sostenibbiltà li japplikaw għall-FPAs, għandhom japplikaw ukoll għal ftehimiet bejn il-pajjiżi sħab ikkonċernati u flotot oħra preżenti fiż-ŻEE tagħhom. Dan għandu jrawwem ukoll il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

- Fil-pajjiżi sħab, l-FPAs iħeġġu governanza u ġestjoni mtejba tas-settur tas-sajd lokali billi jappoġġaw il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza ta' attivitajiet tal-flotot nazzjonali u dawk barranin. L-FPAs jipprovdu finanzjament sinifikanti biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli ta' attivitajiet tas-sajd lokali.

**07**
Ir-riforma 2014 tal-Politika Komuni tas-Sajd introduċiet il-kunċett ta' ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs). Ir-riforma għandha l-għan li ttejjeb xi aspetti tal-FPAs, bħall-ammont ta' informazzjoni disponibbli li abbażi tagħha jiġi determinat l-eċċess disponibbli fiż-ŻEE ta' pajjiżi sħab, il-promozzjoni ta' sajd sostenibbli fl-ilmijiet tal-pajjiżi sħab permezz ta' mmirar aħjar u monitoraġġ regolari tal-appoġġ settorjali tal-UE, u l-inklużjoni ta' klawżola tad-drittijiet tal-bniedem. L-objettiv prinċipali għall-SFPAs huwa li jipprovdi qafas ta' governanza legali, ambjentali, ekonomiku u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-pajjiżi terzi, fejn standards simili għal dawk applikabbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-UE għandhom japplikaw.

**08**
Għal bosta snin, il-Kummissjoni introduċiet klawżola ta' esklussività, applikabbli għall-FPAs kollha fis-seħħ, biex il-qafas ta' governanza jsir aktar strett għall-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tal-UE tal-ilmijiet imbiegħda. Ladarba ftehim ikun fis-seħħ bejn l-UE u pajjiż sieħeb, il-bastimenti tas-sajd tal-UE jistgħu joperaw biss fl-ilmijiet tal-pajjiż sieħeb jekk ikollhom awtorizzazzjoni tas-sajd li tkun inħarġet taħt il-qafas ta' protokoll għal dan il-ftehim (ara l-paragrafu 10).

## Il-flotta Ewropea tal-ilmijiet imbiegħda u l-FPAs

**09**
Għalkemm il-flotta tal-ilmijiet imbiegħda tikkostitwixxi inqas minn 1 % tal-flotta tal-UE, bi 335 bastiment biss mis-86 283 bastiment irreġistrat fl-UE, huwa ħafna aktar sinifikanti f'termini ta' kapaċità tas-sajd, bi 18 % tat-tunnellaġġ gross u b'7 % mis-saħħa tal-magna[4] tal-flotta totali tas-sajd, tal-UE. Il-flotta tal-ilmijiet imbiegħda hija fornitur importanti tal-ħut lis-suq Ewropew billi hija stmata li tipprovdi 15 % tal-qabdiet totali tal-flotta tal-UE. Hija tirrappreżenta wkoll 4 % tal-impjiegi tal-flotta tal-UE. Madwar nofs il-qabdiet tal-flotta tal-ilmijiet mbiegħda jsiru taħt ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd.

4 *Data* mit-2014 Annual Economic Report on the EU Fishing Fleet (STECF 14-16) (Rapport Ekonomiku Annwali tal-2014 dwar il-Flotta tal-UE tas-Sajd) (KXTES 14-16), li tikkorrispondi għall-flotta tal-2012 tal-ilmijiet imbiegħda. Il-flotta Ewropea tal-ilmijiet imbiegħda hija definita f'dan ir-rapport bħala li tinkludi l-bastimenti rreġistrati kollha fl-UE li huma ta' aktar minn 24 metru u li joperaw f'Reġjuni Oħra tas-Sajd (OFR), inklużi xi reġjuni ultraperiferiċi tal-UE.

**10**

Fit-tfassil ta' FPAs, l-UE u l-pajjiżi sħab tagħha jinnegozjaw ftehim u l-protokolli ta' implimentazzjoni tiegħu. Dan il-ftehim jipprovdi qafas għal kooperazzjoni fuq terminu twil fis-settur tas-sajd, u l-protokolli jistipulaw termini u kundizzjonijiet dettaljati. Il-protokolli jiġu ġeneralment innegozjati kull tlieta sa sitt snin, bi ftehim mal-pajjiż sieħeb. Meta ssir referenza għall-FPAs, dan ir-rapport jikkonċerna prinċipalment il-protokolli. Aktar dettalji dwar il-proċessi ta' negozjar u r-responsabbiltajiet taħt l-FPAs jingħataw fl-***Anness I***.

**11**

Fl-2014, saru pagamenti ta' EUR 69 miljun mill-baġit tal-UE ddedikat għall-FPAs, li jirrappreżenta tnaqqis sinifikanti mill-ammont ta' aktar minn EUR 200 miljun imħallsa fis-snin 90. Dan huwa spjegat parzjalment mill-iskadenza tal-protokoll mal-Mauritania f'Diċembru 2014, li għalih ma sar l-ebda pagament fl-2014, iżda tħallsu EUR 67 miljun fl-2013. Il-Marokk waħdu kien jirrappreżenta aktar minn 40 % tat-total tal-2014. Barra minn hekk, l-operaturi wkoll jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji għal dawn l-FPAs bi bdil mal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd li jirċievu. Il-kontribuzzjoni tagħhom żdied b'mod stabbli fis-snin reċenti.

**12**

L-***Anness II*** juri t-13-il FPA fis-seħħ għall-2015, b'kontribuzzjoni finanzjarja annwali ta' EUR 71 miljun. Mit-13-il ftehim fis-seħħ, 3 huma ftehimiet imħallta li jippermettu aċċess lill-flotta tal-UE għal stokkijiet differenti ta' ħut fiż-ŻEE tal-pajjiż sieħeb. Il-bqija huma ftehimiet dwar it-tonn li jagħtu d-drittijiet ta' sajd fiż-ŻEE tal-pajjiż sieħeb lill-bastimenti tal-UE li jsegwu stokkijiet tat-tonn migratorju u speċijiet oħra migratorji ħafna fil-movimenti tagħhom madwar l-Afrika, u l-Oċean Indjan u dak Paċifiku.

**13**

FPAs oħra mingħajr protokolli attwali huma l-Gambja (mill-1.7.1996 'il hawn), il-Guinea Ekwatorjali (mit-30.6.2001 'il hawn), il-Gżejjer Solomon (mid-9.10.2012 'il hawn), il-Mikroneżja (mill-25.2.2015 'il hawn), il-Mauritania (minn Diċembru 2014 'il hawn)[5] u l-Mozambique (minn Jannar 2015 'il hawn). Meta ftehim ikun għadu fis-seħħ iżda l-protokolli tiegħu għad iridu jiġġeddu, bħalma huwa l-każ b'dawn il-ftehimiet ("ftehimiet inattivi"), il-flotta tal-UE ma għandha l-ebda aċċess għaż-żona tas-sajd ta' dak il-pajjiż, skont il-klawżola ta' esklussività (ara l-paragrafu 8).

5 Negozjati bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Mauritania, fid-dawl tal-istabbiliment ta' protokoll ġdid, ġew konklużi b'suċċess fl-10 ta' Lulju 2015. Dan il-protokoll fuq erba' snin jammonta għal EUR 59.125 miljun kull sena, u għadu jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Kunsill u l-kunsens tal-Parlament Ewropew.

# Ambitu u approċċ tal-awditjar



**14**
L-objettiv tal-awditu kien li jiġi evalwat jekk l-FPAs humiex immaniġġjati tajjeb mill-Kummissjoni billi jiġu indirizzati l-mistoqsijiet li ġejjin:

(1) Il-Kummissjoni timmaniġġja tajjeb in-negozjati tal-FPAs u l-protokolli tagħhom?

Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, il-Qorti rrieżaminat il-proċess ta' negozjar għall-erba' FPAs awditjati u ħarset lejn jekk il-Kummissjoni nnegozjatx jew ġeddidtx il-protokolli fil-ħin biex tiżgura l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tal-flotta Ewropea. Barra minn hekk, l-awditu vvaluta jekk in-negozjar ta' possibbiltajiet tas-sajd u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kinux konsistenti mal-objettivi tal-FPAs li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-istokkijiet ta' ħut bi spiża raġonevoli għall-UE, li tittejjeb il-governanza tas-sajd tal-pajjiżi sħab u li jitrawwem l-iżvilupp ekonomiku tas-settur tas-sajd tagħhom.

(2) Il-Kummissjoni timmaniġġja tajjeb l-implimentazzjoni tal-FPAs?

Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, il-Qorti rrieżaminat il-ġestjoni mill-Kummissjoni tal-proċess ta' ħruġ tal-liċenzji u l-affidabbiltà tas-sistema ta' rappurtar tad-*data* dwar il-qabdiet. Barra minn hekk, l-awditu vvaluta jekk il-Kummissjoni fasslitx, ikkontrollatx u mmonitorjatx b'mod xieraq l-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-komponent tal-appoġġ settorjali tal-FPAs.

**15**
L-approċċ tal-awditjar kien jinvolvi laqgħat ma' partijiet interessati[6] rilevanti, l-analiżi ta' informazzjoni miksuba mill-Kummissjoni, u żjarat fuq il-post fi Stati Membri magħżula (Spanja u Franza) u f'erba' pajjiżi sħab li magħhom l-UE kkonkludiet FPAs. Tlieta mill-pajjiżi sħab magħżula għal dan l-awditu kienu fl-Oċean Indjan (Madagascar, il-Mozambique u s-Seychelles) sabiex tinkiseb perspettiva reġjonali. Barra minn hekk, il-Mauritania ntgħażlet bħala eżempju ta' ftehim dwar ħafna speċijiet u billi huwa l-aktar ftehim finanzjarjament sinifikanti. B'kollox, l-erba' FPAs awditjati kienu jirrappreżentaw 77 % tal-pagamenti taħt l-FPAs fl-2013.

**16**
L-evidenza għall-awditjar kienet issupplimentata minn stħarriġ indirizzat lill-operaturi tal-flotta tal-UE tas-sajd tal-ilmijiet imbiegħda. Is-sidien tal-bastimenti li jirrappreżentaw 70 % ta' din il-flotta wieġbu għall-istħarriġ[7].

6 Il-partijiet interessati kienu jinkludu l-Parlament Ewropew, u NGOs fil-qasam tal-impjiegi fuq il-bastimenti u fl-ambjent tal-baħar. Il-Qorti żaret ukoll assoċjazzjonijiet ta' operaturi tal-bastimenti u ta' proċessuri tal-ħut fi Spanja u fi Franza.

7 Kien hemm 21 sid/assoċjazzjoni tal-bastimenti li wieġbu għall-istħarriġ tal-Qorti, li flimkien joperaw 319-il bastiment (li minnhom, 233 itajru l-bandiera fl-Istati Membri tal-UE) li jistadu barra l-ilmijiet Ewropej. Il-233 bastiment kienu jirrappreżentaw 70 % tat-335 bastiment li jiffurmaw il-flotta Ewropea tal-ilmijiet imbiegħda. Mill-bastimenti inklużi fl-istħarriġ, 79 % kienu joperaw fir-reġjuni tal-Oċean Atlantiku u dak Indjan, li minnhom 32 % huma bastimenti tas-sajd demersali, 22 % huma bastimenti tat-tkarkir għas-sajd pelaġiku, 7 % huma bastimenti tas-sajd bit-tartarun, 7 % huma bastimenti tas-sajd bil-konz ta' kapaċità għolja, 7 % huma bastimenti tat-tkarkir u bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ għas-sajd tal-merluzz iswed, u 4 % huma bastimenti bil-qasab u x-xlief għas-sajd tat-tonn.

# Osservazzjonijiet



## Parti I — Negozjar tal-FPAs

### Il-Kummissjoni nnegozjat u ġeddet l-FPAs fil-waqt biex tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni fl-attivitajiet tas-sajd

**17**

In-negozjati ta' ftehimiet li jagħtu aċċess lill-flotta tal-UE għal postijiet għas-sajd tal-istati kostali taż-ŻEE għandhom ikollhom l-għan li jiżguraw li l-aċċess ikun kontinwu, sabiex jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv fuq is-settur. Il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tipprevjeni kwalunkwe interruzzjoni fl-attivitajiet tas-sajd wara l-iskadenza ta' ftehim jew protokoll. Bl-istess mod, meta tkun qed tinnegozja protokoll, il-Kummissjoni tipprova tintroduċi l-possibbiltà ta' applikazzjoni proviżorja mid-data tal-iffirmar sad-data tar-ratifika finali.

**18**

Il-Qorti rrieżaminat il-proċess ta' negozjar tal-Kummissjoni għall-erba' FPAs li kienu inklużi fl-awditu u fis-seħħ f'dak iż-żmien. L-awditu qies jekk il-protokolli ġġeddewx b'mod f'waqtu biex b'hekk tkun evitata li tinterrompi l-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tal-UE tal-ilmijiet imbiegħda.

**19**

In-negozjar ta' protokolli ġodda huwa proċess twil u kumpless. Il-Kummissjoni tinnegozja abbażi ta' mandat mill-Kunsill, li jiffirma l-protokoll mal-pajjiż sieħeb. Il-Parlament irid imbagħad jagħti l-kunsens tiegħu. Aktar dettalji dwar il-proċess ta' negozjar jingħataw fl-***Anness I***. Għalhekk għall-kontinwità tal-attivitajiet tal-flotot, il-Kummissjoni trid tibda l-proċess ta' negozjar ta' protokoll ġdid ħafna minn qabel l-iskadenza ta' dak attwali.

**20**

Il-proċess kollu ta' negozjar għall-4 protokolli inklużi fl-awditu – mill-mandat tal-Kunsill, sad-data tad-dħul fis-seħħ wara l-kunsens tal-Parlament jew ir-ratifika mill-pajjiż sieħeb – dam bejn 71 ġimgħa u 134 ġimgħa (kif muri fil-***Figura 1***). Id-durata tan-negozjati tiddependi minn fatturi li n-negozjaturi ma jistgħux jantiċipaw jew jikkontrollaw bis-sħiħ. Il-Kummissjoni stmat li teħtieġ minimu ta' 12-il ġimgħa mill-finalizzazzjoni tan-negozjati ("l-inizjalar" tal-protokoll) sat-tħejjija tal-protokoll għall-iffirmar mill-Kunsill, u li l-Kunsill jeħtieġ 6 sa 8 ġimgħat addizzjonali għal skrutinju. L-ammont ta' żmien mistenni li jgħaddi bejn il-finalizzazzjoni tan-negozjati u l-iffirmar mill-Kunsill huwa għalhekk minimu ta' 20 ġimgħa, meta jitqies li jista' jkun hemm tidwim possibbli matul id-diskussjonijiet fil-Kunsill biex jiġi adottat il-protokoll, iżda fil-każ ta' Madagascar, tal-Mozambique u tas-Seychelles il-perjodu ta' żmien kien ivarja minn 29 sa 35 ġimgħa.

Figura 1

## Durata tal-proċess ta' negozjar




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq dokumenti tan-negozjar u leġiżlazzjoni tal-UE.

**21**
Il-Qorti sabet li l-Kummissjoni timmaniġġja tajjeb il-proċess ta' negozjar, kull fejn possibbli bl-użu ta' għodod leġiżlattivi disponibbli biex tevita li tinterrompi l-attivitajiet tas-sajd. Madankollu, 83 % tal-operaturi li wieġbu għall-istħarriġ tal-Qorti, li jirrappreżentaw madwar 30 % tal-flotta tal-ilmijiet mbiegħda, iddikjaraw li ġew affettwati minn tidwim fin-negozjar ta' protokolli, fil-biċċa l-kbira mal-Mauritania u l-Marokk, li huma żewġ każijiet sinifikanti iżda eċċezzjonali.

**22**
Fil-każ tal-Mauritania, in-negozjati kienu twal (7 serji ta' negozjati li damu 71 ġimgħa b'kollox) u l-protokoll preċedenti skada kważi ħames xhur qabel ma ġie ffirmat wieħed ġdid. Peress li l-applikazzjoni proviżorja ma kinitx possibbli qabel l-iffirmar mill-Kunsill, u sabiex tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni ta' attivitajiet tal-flotta tal-UE, il-Kummissjoni applikat id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE[8] u pproponiet lill-awtoritajiet Mauritanjani li tkompli tippreżenta applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd matul dan il-perjodu ta' ħames xhur. Din il-possibbiltà ntużat biss mis-sidien tal-bastimenti ta' erba' kategoriji tas-sajd[9] bejn l-1 ta' Awwissu 2012 u l-15 ta' Diċembru 2012. Għaldaqstant, is-sajd seta' jkompli għal dawn il-kategoriji, iżda mhux għall-kategoriji li jifdal, li fihom is-sajd kellu jieqaf temporanjament. Il-Qorti tinnota li, filwaqt li l-applikazzjoni għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd fin-nuqqas ta' protokoll iffirmat suppost kellha tipproteġi l-interessi tal-flotta tal-UE, ma kinitx konsistenti mal-klawżola ta' esklussività (ara l-paragrafu 8).

8 L-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33). Dan l-Artikolu jipprovdi li fejn protokoll ikun skada, u meta protokoll ġdid ikun ġie inizjalat mill-Kummissjoni iżda ma ġiex iffirmat mill-Kunsill jew ma jipprovdix l-applikazzjoni proviżorja, il-Kummissjoni tista', għal perjodu ta' sitt xhur mid-data ta' skadenza tal-protokoll preċedenti, tittrażmetti l-applikazzjonijiet mal-pajjiż terz ikkonċernat għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

9 Il-Kategorija 2 (merluzz iswed), il-Kategorja 3 (demersali minbarra merluzz iswed), il-Kategorija 5 (tonn) u l-Kategorija 6 (bastimenti tat-tkarkir bil-friża għas-sajd pelaġiku).

## 23

Barra minn hekk, anke waqt li kienet qed tisfrutta l-possibbiltajiet kollha pprovduti mil-leġiżlazzjoni, il-Kummissjoni ma setgħetx tipprevjeni l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd. L-awtoritajiet Mauritanji qiesu li l-attività fil-perjodu Awwissu sa Diċembru 2012 seħħet taħt l-applikazzjoni proviżorja tal-protokoll il-ġdid. Konsegwentement, huma infurzaw għeluq bikri tal-attivitajiet tas-sajd fl-erba' kategoriji li kienu ġew awtorizzati jkomplu jistadu qabel l-iffirmar tal-protokoll il-ġdid. Dan ikkawża telfiet għal dawk is-sidien tal-bastimenti li kienu ħallsu wkoll għal liċenzji sad-data attwali ta' skadenza tal-15 ta' Diċembru 2014.

## 24

Fil-każ tal-Marokk, il-protokoll ġie ffirmat fi Frar 2011 u kien japplika proviżorjament sa Diċembru 2011, meta l-Parlament Ewropew irrifjuta l-konklużjoni tiegħu[10]. Wara negozjati ġodda, Protokoll ieħor ġie inizjalat fl-24 ta' Lulju 2013 u rratifikat mill-Parlament Ewropew fl-10 ta' Diċembru 2013, mingħajr l-ebda klawżola ta' applikazzjoni proviżorja minħabba l-fatt li n-negozjaturi Marokkini ma qablux mal-introduzzjoni tiegħu. Huwa daħal fis-seħħ biss fil-15 ta' Lulju 2014 minħabba r-ratifika tardiva mill-Marokk, li wasslet għal nefqa addizzjonali mill-baġit tal-UE[11] u wkoll għal impatt finanzjarju dirett fuq is-sidien tal-bastimenti u l-industrija tal-UE billi l-attivitajiet tas-sajd ġew interrotti.

## 25

Fir-rigward tal-protokolli tal-Oċean Indjan awditjati, ġiet assigurata l-kontinwità tal-attivitajiet tas-sajd fiż-ŻEE ta' Madagaskar u tas-Seychelles peress li l-protokolli l-ġodda ġew iffirmati qabel l-iskadenza tal-protokolli preċedenti u kienu jinkludu klawżola ta' applikazzjoni proviżorja. Fil-każ tal-Mozambique, ma kien hemm l-ebda protokoll fis-seħħ għal perjodu ta' xahar (iż-żmien li għadda bejn id-data ta' skadenza tal-protokoll preċedenti (1.1.2012) u l-applikazzjoni proviżorja tal-ġdid (1.2.2012)), iżda dan ma kellu l-ebda impatt sinifikanti fuq il-flotta tal-UE, billi l-istokkijiet tat-tonn ma kinux disponibbli għas-sajd fl-ilmijiet tal-Mozambique matul dan il-perjodu.

### Il-Kummissjoni nnegozjat netwerk rilevanti ta' ftehimiet, iżda tista' tittejjeb il-konsistenza fi ħdan ir-reġjun tal-Oċean Indjan

## 26

Il-Qorti tqis li netwerk reġjonali koerenti u rilevanti ta' ftehimiet huwa importanti. L-ewwel nett, taħt kundizzjonijiet imtejba ta' ċertezza tad-dritt, il-flotta tal-UE tista' ssegwi speċijiet migratorji. It-tieni nett, netwerk bħal dan isaħħaħ il-pożizzjoni tan-negozjar tal-Kummissjoni billi jnaqqas il-pressjoni biex jintlaħaq ftehim meta l-attivitajiet tal-flotta jirriskjaw li jiġu interrotti. Barra minn hekk, l-impatt pożittiv intenzjonat f'termini ta' governanza għall-pajjiżi sħab minħabba l-appoġġ settorjali u l-kontroll tal-UE fuq il-flotta tagħha stess, jista' jkollu impatt katalitiku fuq l-attivitajiet tas-sajd reġjonali. Dan l-impatt jiżdied mill-firxa ta' attivitajiet tal-flotta Ewropea f'ċerti reġjuni (pereżempju li l-bastiment tas-sajd tal-UE bit-tartarun tal-borża kienu jirrappreżentaw 66 % tal-qabdiet tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża fl-Oċean Indjan tal-Punent fl-2011[12], filwaqt li l-qabdiet tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża min-naħa tagħhom kienu jirrappreżentaw 49 % tal-qabda totali fir-reġjun dik is-sena).

10 Ir-Riżoluzzjoni Leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2011 (P7_TA(2011)0569).

11 Skont l-awtoritajiet Spanjoli, l-ammont imħallas lill-flotta Spanjola b'kumpens għat-telfiet imġarrba minħabba l-isfrattar tal-attivitajiet tagħhom fil-Marokk kien ta' EUR 4,5 miljun (li minnhom EUR 4,3 miljun tħallsu mill-Fond Ewropew għas-Sajd).

12 It-Tabelli 4.2 u 4.4 tar-rapport finali tar-"Review of tuna fisheries in the western Indian Ocean" (Rieżami tas-sajd tat-tonn fl-Oċean Indjan tal-Punent), 2014, POSEIDON, MRAG, NFDS u COFREPECHE.

27
L-istrateġija attwali tal-Kummissjoni għandha l-għan li tindirizza dawn il-ħtiġijiet billi tkabbar in-netwerk ta' ftehimiet f'konformità mar-rekwiżiti u l-prijoritajiet tal-industrija. Fir-risposti tagħhom għall-istħarriġ tal-awditjar, is-sidien tal-bastimenti esprimew interess primarju fl-Angola, fil-Guinea-Bissau u fi Sjerra Leone, segwiti mill-Guinea-Conakry, mil-Liberia, mit-Tanzanija, mill-Kenja u mis-Senegal. Il-Kummissjoni kienet bdiet diskussjonijiet inizjali mat-Tanżanija, ikkompletat negozjati mal-Liberja u reġgħet issoktat il-ftehimiet mal-Gabon, mal-Marokk, ma' Mauritius (li għalihom il-protokolli kienu diġà daħlu fis-seħħ fiż-żmien tal-istħarriġ), mal-Guinea-Bissau u mas-Senegal (li għalihom il-protokolli kienu diġà ġew iffirmati). Madankollu, fiż-żmien tal-awditu, in-negozjati għat-tiġdidiet mal-Mozambique u mal-Mauritania kienu ġew sospiżi minħabba nuqqas ta' kunsens bejn il-Kummissjoni u ż-żewġ pajjiżi sħab.

28
Madankollu, l-awditu fl-Oċean Indjan sab li kien hemm lok għal titjib fil-konsistenza bejn l-FPAs u l-kumplimentarjetà tagħhom ma' azzjonijiet reġjonali oħra tal-UE u sorsi ta' finanzjament fis-settur tas-sajd. Pereżempju, dan kien il-każ biċ-ċentri tal-monitoraġġ tas-sajd. Hemm ftehim stabbilit għall-iskambju reġjonali ta' *data* tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS) bejn il-pajjiżi tal-Kummissjoni tal-Oċean Indjan (IOC) (Comoros, Mauritius, Madagascar, Réunion u s-Seychelles) permezz tas-server żviluppat bl-appoġġ tal-IOC bil-fondi reġjonali tal-FEŻ. Il-Mozambique mhijiex parti mill-IOC u, minkejja li hija sieħeb importanti fin-netwerk reġjonali tal-FPAs, bħalissa ma għandhiex aċċess għal din id-*data*. Minflok tappoġġa l-aċċess tal-Mozambique għas-sistema ta' skambju tad-*data* reġjonali eżistenti tal-VMS, il-Kummissjoni tappoġġa lill-Mozambique fl-iżvilupp ta' ċentru reġjonali tal-monitoraġġ tas-sajd billi tiffinanzja l-istudju tal-fattibbiltà tiegħu permezz tal-ACP FISH II, iffinanzjat mill-FEŻ. B'mod parallel, il-Kummissjoni appoġġat ukoll il-VMS nazzjonali tal-pajjiż permezz ta' appoġġ settorjali tal-FPAs.

## Kien diffiċli biex jintlaħaq l-objettiv tal-FPAs, li jiġi żgurat li l-opportunitajiet tas-sajd innegozjati jikkonċernaw biss ir-riżorsi eċċessivi tas-sajd

29
Il-prinċipju ewlieni ta' sostenibbiltà tal-FPAs huwa li l-opportunitajiet tas-sajd innegozjati fil-protokolli (kwantitajiet u għadd ta' liċenzji) għandhom jippermettu biss li l-bastimenti tal-UE jistadu riżorsi eċċessivi tal-ħut[13]. Dan jeħtieġ informazzjoni affidabbli dwar l-istokkijiet (ibbażata fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli), u dwar l-isforz tas-sajd[14] min-naħa tal-istati kostali u ftehimiet oħra. Il-protokolli għandhom imbagħad jagħtu drittijiet ta' aċċess għal parti speċifika ta' dan l-eċċess. Il-Kummissjoni għandha wkoll tiżgura li l-FPAs jirriflettu l-prinċipju tar-Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY)[15], u r-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) dwar l-istat tal-istokkijiet ta' ħut.

13 L-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

14 Sforz tas-sajd huwa l-prodott tal-kapaċità u l-attività ta' bastiment tas-sajd; għal grupp ta' bastimenti, huwa l-ammont tal-isforz tas-sajd eżerċitat minn kull bastiment fil-grupp.

15 L-MSY, li huwa indikatur tal-aħjar rata ta' sfruttament, huwa definit mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) tan-NU bħala l-qabda massima li tista' tinkiseb fuq bażi sostenibbli.

**30**

Il-Qorti rrieżaminat kif ġie kkalkolat l-eċċess u jekk il-kwantitajiet ta' ħut li għandhom jinqabdu taħt il-ftehim kinux jiirrispettaw il-kunċett ta' eċċess. Id-diversi FPAs innegozjati ġew analizzati wkoll u mqabbla għall-konsistenza testwali.

**31**

L-awditu sab li l-kunċett ta' eċċess huwa diffiċli ħafna biex jiġi applikat fil-prattika. L-Artikolu 61 tal-UNCLOS jipprovdi li r-responsabbiltà għad-determinazzjoni tal-eċċess, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, qiegħda f'idejn il-pajjiż sieħeb. Madankollu, l-awditu nnota li l-pajjiżi sħab ma għandhomx il-kapaċità li jiddeterminaw l-eċċess. Dan huwa partikolarment rilevanti għal ftehimiet imħallta (eż. il-Mauritania) jew riżorsi tas-sajd mifruxa b'mod wiesa', bħal speċijiet pelaġiċi żgħar jew migratorji ħafna, minħabba d-diffikultà li jiġi determinat eċċess fiż-ŻEE ta' pajjiżi kostali partikolari, speċjalment fejn ma hemm l-ebda sistema ta' kwoti tas-sajd stabbiliti fuq livell reġjonali[16]. Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar l-isforz tas-sajd min-naħa tal-flotot tas-sajd domestiċi jew tal-flotot tas-sajd barranin oħra li wkoll ingħataw aċċess mill-pajjiżi sħab[17], mhux dejjem hija affidabbli. Għalhekk, huwa diffiċli ħafna għall-Kummissjoni biex tikkalkula l-proporzjon tal-isforz totali tas-sajd irrappreżentat mill-flotta tal-UE u, b'riżultat ta' dan, il-limiti tal-qbid għall-flotta tal-UE skont l-approċċ eċċessiv.

**32**

Fir-reġjun tal-Oċean Indjan, il-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC) irrakkomandat rendimenti massimi sostenibbli (MSY) għal xi speċijiet (eż. pixxispad) bħala parti mill-pariri xjentifiċi[18] tagħha u adottat riżoluzzjonijiet għall-protezzjoni ta' żewġ speċijiet ta' kelb il-baħar. Madankollu, l-istandard tal-MSY jista' jiġi applikat biss b'diffikultà fuq livell ta' pajjiż individwali għal speċijiet migratorji ħafna, bħal dawk immirati mill-FPAs.

## L-ispiża tal-FPAs innegozjati mill-Kummissjoni kienet relattivament għolja, meta wieħed iqis ir-rati ta' użu fil-passat

**33**

Meta tkun qed tinnegozja, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-klawżoli tal-protokolli b'impatt ekonomiku fuq il-flotta Ewropea u l-ekonomiji tal-pajjiżi sħab (jiġifieri d-durata tal-protokoll, il-prezz, il-kwantitajiet, l-ispeċijiet, il-kundizzjonijiet tekniċi, il-kontribuzzjonijiet mis-sidien tal-bastimenti, ir-rekwiżiti ta' rappurtar u ta' ħatt l-art) jippermettu lill-flotta Ewropea tagħmel użu effiċjenti tal-ftehimiet u jagħtuha aċċess għal sehem xieraq tal-eċċess disponibbli bi prezz ġust għall-pajjiżi sħab. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li l-prinċipji ta' ekonomija, effiċjenza u effettività jittieħdu inkunsiderazzjoni meta tkun qed tħejji n-negozjati tal-FPAs. Il-Kunsill talab[19] lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex jimpenjaw irwieħhom għall-aħjar użu tal-opportunitajiet tas-sajd sabiex jiġu żgurati l-valur għall-flus u l-konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

16 Ir-Riżoluzzjoni 14/02 tal-IOTC tipprevedi l-introduzzjoni ta' sistema ta' kwoti fuq il-livell reġjonali.

17 Fuq il-livell tal-Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd, l-UE qed titlob aktar trasparenza, notevolment billi tirrikjedi lill-partijiet jipprovdu d-*data* kollha b'rabta mal-attivitajiet tas-sajd tal-pajjiżi terzi u aċċess għaż-ŻEE rispettivi tagħhom. L-IOTC adottat ir-Riżoluzzjoni 14/05 relatata ma' reġistru ta' bastimenti barranin liċenzjati li jistadu għal speċijiet tal-IOTC fil-qasam ta' kompetenza u ta' informazzjoni dwar il-ftehimiet ta' aċċess tal-IOTC.

18 Ir-rapporti xjentifiċi tal-IOTC mill-2013 u l-2014.

19 It-3155 laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd fi Brussell, li saret fid-19 u l-20 ta' Marzu 2012.

34
Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE lill-pajjiżi sħab għandha żewġ komponenti: drittijiet ta' aċċess għaż-ŻEE u appoġġ finanzjarju "settorjali" (ara l-paragrafu 5). Filwaqt li l-pajjiż sieħeb ma għandu l-ebda restrizzjoni fir-rigward tal-użu tal-ewwel komponent, li strettament jirregola l-aċċess għaż-żoni nazzjonali tas-sajd, il-pagament tal-fondi ta' appoġġ settorjali għandu jkun kundizzjonali fuq it-twettiq tal-azzjonijiet maqbula, jiġifieri dawk li jikkonċernaw il-governanza tas-settur tas-sajd, bejn l-UE u l-pajjiż sieħeb. Din il-kundizzjonalità tnaqqxet fil-Politika Komuni tas-Sajd il-ġdida u fl-FPAs iffirmati sussegwentement. Id-distribuzzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja totali bejn iż-żewġ komponenti hija aspett importanti tal-proċess ta' negozjar.

### In-negozjar tal-komponent tad-drittijiet ta' aċċess

35
Il-protokolli jiddeterminaw it-tip ta' ħut li għalih jingħata aċċess u l-kundizzjonijiet li jirregolaw dan l-aċċess f'termini ta' għadd ta' liċenzji, tip ta' bastiment u tunnellaġġ ta' referenza. Dan it-"tunnellaġġ ta' referenza" jirrappreżenta l-volum ta' qabdiet li għalih pagament minimu għad-drittijiet ta' aċċess[20] irid jitħallas mill-UE. F'każ li dan il-livell jinsebaq, l-UE tagħmel pagament supplimentari għal qabdiet addizzjonali. Il-protokolli jispeċifikaw ukoll kundizzjonijiet tekniċi u operattivi.

36
Meta tkun qed tinnegozja l-komponent tad-"drittijiet ta' aċċess", il-Kummissjoni tipprova tikseb l-għadd ta' liċenzji mitluba mill-Istati Membri (suġġett għal-limiti disponibbli[21]), filwaqt li tqis ukoll il-fatturi esterni li jista' jkollhom impatt fuq l-użu tal-ħruġ tal-liċenzji tas-sajd. Il-pajjiż sieħeb normalment ifittex li jikseb l-akbar kontribuzzjoni finanzjarja possibbli, li mbagħad tiġi "konvertita" f'tunnellaġġ ta' referenza.

37
Il-***Figura 2*** ta' hawn taħt turi l-użu storiku tal-opportunitajiet tas-sajd (qabdiet tal-ħut) fil-pajjiżi sħab li sarilhom żjara fir-reġjun tal-Oċean Indjan f'termini ta' tunnellaġġ ta' referenza. Minkejja l-utilizzazzjoni insuffiċjenti tal-opportunitajiet tas-sajd li ġew innegozjati fi protokolli preċedenti, it-tunnellaġġ ta' referenza maqbul fil-protokolli l-aktar reċenti baqa' relattivament stabbli.

38
Peress li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE hija bbażata fuq it-tunnellaġġ ta' referenza aktar milli fuq il-qabdiet reali, l-użu insuffiċjenti tal-protokolli jwassal għal spiża tal-unità reali mħallsa li hija frekwentement ogħla mill-prezz tal-unità użat bħala bażi għan-negozjati. Il-***Figura 3*** turi l-ispiża reali ta' kull ftehim dwar it-tonn meta tittieħed inkunsiderazzjoni l-kontribuzzjoni finanzjarja totali għall-FPAs. Hija turi, pereżempju, li l-ispiża reali għal kull tunnellata ta' tonn maqbud fil-Mozambique fl-2013 kienet madwar sitt darbiet ogħla mill-prezzijiet innegozjati. Dan huwa spjegat permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja għolja ħafna (li ġiet miżjuda aktar fil-Protokoll 2/2012-1/2015 minn EUR 900 000 sa EUR 980 000) flimkien ma' utilizzazzjoni baxxa ħafna tal-opportunitajiet tas-sajd.

20 Il-kontribuzzjoni finanzjarja minima għad-drittijiet ta' aċċess tiġi kkalkolata billi jiġi multiplikat it-tunnellaġġ ta' referenza bil-prezz tal-unità maqbul.

21 Fir-reġjun tal-Oċean Indjan, l-għadd ta' bastimenti u t-tunnellaġġ gross ġew iffriżati fuq il-livell tal-2006 għal bastimenti li jistadu għat-tonn tropikali u fuq il-livell tal-2007 għal bastimenti li jistadu l-pixxispad u l-alonga, skont ir-Riżoluzzjoni 12/11 tal-IOTC dwar l-implimentazzjoni ta' limitazzjoni tal-kapaċità tas-sajd ta' partijiet kontraenti u partijiet mhux kontraenti li jikkooperaw.

Figura 2

## Użu tal-opportunitajiet tas-sajd għat-tonn fil-pajjiżi sħab li saritilhom żjara fir-reġjun tal-Oċean Indjan




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* tad-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd dwar l-użu tal-opportunitajiet tas-sajd.

Figura 3

## Spiża tal-unità għal kull tunnellata ta' tonn imħallsa mill-UE




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq protokolli u d-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd dwar l-użu tal-opportunitajiet tas-sajd.

**39**
Il-valur tas-suq tal-istokkijiet ta' ħut innegozjat fil-protokolli għandu influwenza diretta fuq il-valur tal-protokoll. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tqis dan meta tkun qed tinnegozja l-prezz kumplessiv tal-protokolli. Madankollu, dan ma kienx dejjem il-każ. Fil-protokoll l-aktar reċenti (2013-2014) mal-Mauritania, il-kategorija taċ-ċefalopodi, li għandha valur kummerċjali għoli u ntużat b'rata medja ta' 93 % fil-protokoll 2008-2012, tneħħiet mill-protokoll minħabba l-applikazzjoni tal-kunċett ta' eċċess u d-deċiżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali li jirriżervaw iċ-ċefalopodi għall-flotta nazzjonali. Minħabba l-valur għoli u r-rata għolja ta' utilizzazzjoni tal-kategorija, din id-deċiżjoni kellha impatt negattiv sinifikanti fuq il-flotta tal-UE. Ġew miżjuda l-opportunitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet pelaġiċi fil-protokoll 2013-2014, li għandhom valur kummerċjali aktar baxx. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess ġiet miżjuda minn medja ta' EUR 60 miljun kull sena fl-2008-2012 (u EUR 50 miljun biss kull sena fl-2012) għal EUR 67 miljun kull sena għall-2013 u l-2014. Għalhekk, il-protokoll il-ġdid kien relattivament aktar għali għall-UE. L-evalwazzjoni *ex post* tal-protokoll (li kienet tkopri l-ewwel 11-il xahar) innotat li l-valur miżjud dirett għall-benefiċjarji kolha kien ta' EUR 0.8. Madankollu, il-valur miżjud dirett għall-UE, li jirrappreżenta l-ġid maħluq għall-UE għal kull euro investit kien ta' EUR 0.39[22] biss. Dan il-proporzjon kien medja ta' EUR 0.63 fil-perjodu 2006-2009.

**40**
B'mod kumplessiv, fil-Mauritania, il-prezz tal-unità finali mħallas kien ħafna ogħla mill-ispiża teoretika tal-aċċess ibbażata fuq utilizzazzjoni sħiħa. Il-***Figura 4*** turi l-ispiża stmata tad-drittijiet ta' aċċess għall-UE bbażata fuq l-użu reali tal-opportunitajiet tas-sajd[23].

22 Kif jidher fit-***Tabella 3***, dan il-proporzjon huwa ta' 5.53 għas-Seychelles, 4.09 għal Madagascar u 0.91 għall-Mozambique.

23 Id-*data* għall-2014 hija disponibbli biss sa Settembru u l-ammonti ġew aġġustati fuq bażi *prorata temporis*. Sabiex tistma r-ripartizzjoni tal-pagament tad-drittijiet ta' aċċess għal kull kategorija, il-Qorti ħadet inkunsiderazzjoni t-tunnellaġġ ta' referenza u l-prezz tas-suq tal-ħut (mill-evalwazzjoni *ex post* u d-*data* tad-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd). Din ir-ripartizzjoni mhijiex ippreżentata għall-protokoll preċedenti billi l-kategoriji ma kinux kumparabbli.

**Figura 4**

## Spiża stmata tal-opportunitajiet tas-sajd użati fil-Mauritania




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq il-protokoll 2013-2014, id-*data* tad-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd, l-evalwazzjoni *ex post* 2014.

**41**
L-aċċettazzjoni ta' xi klawżoli li wasslu għal problemi ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari fil-Mawritania u l-Mozambique, setgħet ikkontribwixxiet l-utilizzazzjoni insuffiċjenti tal-protokolli. Fil-Mozambique, il-kwistjoni prinċipali kienet ir-rekwiżit li 33 % tal-bastimenti jgħaddu minn spezzjonijiet ta' qabel is-sajd[24].

**42**
Fil-Mauritania, il-kwistjonijiet prinċipali kienu kundizzjonijiet tekniċi restrittivi, li jinkludu definizzjoni stretta taż-żoni tas-sajd, b'tal-protokoll 2013-2014. Il-biċċa l-kbira minn dawn il-kundizzjonijiet tfasslu biex jipproteġu l-istokkijiet sfruttati b'mod eċċessiv, jevitaw qabdiet mhux mixtieqa u jipproteġu l-ekosistemi. Matul il-perjodu Awwissu 2012 sa Diċembru 2013, is-segmenti tal-flotta tal-UE affettwati l-aktar mill-kundizzjonijiet tekniċi[25] kellhom rati baxxi ħafna ta' utilizzazzjoni: eż. żero għall-granċi rata baxxa ferm għall-kategorija "ħut pelaġiku mhux tal-friża" u "krustaċji". Dan ġie kkonfermat mir-risposti għall-istħarriġ tal-Qorti fejn 70 % tal-operaturi li wieġbu b'rabta mal-protokoll Mauritanjan qalu li l-kundizzjonijiet tekniċi nnegozjati kienu adegwati u 58 % qalu li l-profittabbiltà kienet affettwata.

## In-negozjar tal-komponent tal-appoġġ settorjali

**43**
L-appoġġ settorjali huwa għodda importanti għall-ilħuq tal-objettivi li tittejjeb il-governanza tas-sajd tal-pajjiżi sħab u li jitrawwem l-iżvilupp ekonomiku tas-settur tas-sajd tagħhom. Matul in-negozjati, il-Kummissjoni, f'tentattiv biex jinkiseb l-impenn tal-pajjiż għat-titjib tal-governanza fis-settur tas-sajd, tfittex li żżid l-appoġġ settorjali. Madankollu, dan huwa limitat f'livell ta' 50 % tal-kontribuzzjoni totali mill-UE ara t-***Tabella 1***).

24 L-ispezzjoniiet ta' qabel is-sajd huma meħtieġa għal 33 % tal-bastimenti tal-UE awtorizzati li jistadu fl-ilmijiet Mozambiquejani. Fir-risposti tagħhom għall-istħarriġ tal-Qorti, l-operaturi tal-bastimenti qiesu li dan ir-rekwiżit kien eċċessivament jiswa ħafna flus.

25 Il-kundizzjonijiet tekniċi kienu restrittivi ħafna u wara rati baxxi ħafna ta' utilizzazzjoni għall-ewwel xhur, il-Kumitat Konġunt qabel li jiffaċilita dawn ir-restrizzjonijiet, filwaqt li jżomm il-kunsiderazzjonijiet ambjentali. Il-kwistjoni dwar il-kundizzjonijiet tekniċi dewmet l-implimentazzjoni reali tal-protokoll bi kważi sena.

**Tabella 1**

## Importanza tal-appoġġ settorjali fiż-żewġ protokolli l-aktar reċenti rieżaminati għal kull pajjiż sieħeb li saritlu żjara

| Protokoll[1] u [2] | Madagascar | Il-Mauritania | Il-Mozambique | Is-Seychelles |
|---|---|---|---|---|
| Kontribuzzjoni totali[1] (EUR) | 1 525 000 | 76 250 000[3] | 650 000 | 5 600 000 |
| **% ta' appoġġ settorjali** | **36.1 %** | **21.3 %** | **38.5 %** | **39.6 %** |
| Kontribuzzjoni totali[2] (EUR) | 1 526 875[3] | 70 000 000 | 980 000 | 5 116 667[3] |
| **% ta' appoġġ settorjali** | **45.8 %** | **4.3 %** | **45.9 %** | **49.5 %** |

1 Protokolli preċedenti msemmija: ta' Madagascar (2005-2011), tal-Mauritania (2008-2012), tal-Mozambique (2008-2011) u tas-Seychelles (2011-2013).

2 Protokolli fis-seħħ fiż-żmien tal-awditu msemmija: ta' Madagascar (2013-2014), tal-Mauritania (2013-2014), tal-Mozambique (2012-2014) u tas-Seychelles (2014-2020).

3 Ġiet ikkalkolata medja għal dan il-protokoll peress li l-kontribuzzjoni annwali tinbidel kull sena.

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq it-test tal-protokolli.

## 44

Il-Qorti tqis li ż-żieda fil-proporzjon tal-appoġġ settorjali hija konsistenti mal-objettivi tal-FPAs li tittejjeb il-governanza tas-sajd tal-pajjiżi terzi u li jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku tas-settur tas-sajd tagħhom.

## 45

Il-Mauritania kienet l-unika eċċezzjoni għal din ix-xejra pożittiva taż-żieda fis-sehem tal-kontribuzzjoni finanzjarja totali mill-UE li għandu jmur għall-appoġġ settorjali. F'dan il-każ, il-Kummissjoni qablet li tnaqqas b'mod sinifikanti l-komponent tal-appoġġ settorjali minn 21 % tal-kontribuzzjoni totali għall-FPAs fil-protokoll 2008-2012 għal 4 % biss tal-protokoll 2013-2014. Dan it-tnaqqis ġie introdott bħala riżultat tal-problemi ffaċċjati mill-Kummissjoni fil-ksib ta' informazzjoni mingħand l-awtoritajiet Mauritanjani rigward l-azzjonijiet iffinanzjati mill-appoġġ settorjali fil-protokoll 2008-2012 (kif muri fil-***Kaxxa 2***). Kif jidher fit-***Tabella 1*** hawn fuq, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji annwali totali nnegozjati mill-Kummissjoni fiż-żewġ protokolli huma simili. Dan ifisser li l-Kummissjoni naqqset is-sehem tal-komponent tal-appoġġ settorjali u żiedet b'mod proporzjonali l-komponent tad-drittijiet ta' aċċess, li għalih il-pajjiżi sħab għandhom trasparenza limitata jew obbligi ta' rappurtar limitati. Fl-opinjoni tal-Qorti, dan ir-rispons ma kienx konsistenti mal-objettiv tal-iżvilupp tal-FPAs.

## 46

Barra minn hekk, matul in-negozjati, il-Qorti tqis li huwa importanti li tittieħed inkunsiderazzjoni l-kontribuzzjoni finanzjarja totali mill-UE lill-pajjiżi sħab. L-ammonti involuti għandhom rwol importanti fl-iżvilupp tal-pajjiżi sħab, kif indikat fit-***Tabella 2***. Madankollu, il-kontribuzzjonijiet għall-FPAs u mill-FEŻ, l-objettivi u l-arranġamenti ta' implimentazzjoni tagħhom huma nnegozjati indipendentement. Il-Qorti tqis li dan ma jiffaċilitax il-pożizzjoni tal-Kummissjoni matul in-negozjati mal-pajjiżi sħab.

Tabella 2

### Kontribuzzjonijiet mill-UE għall-pajjiżi sħab li saritilhom żjara matul l-awditu u s-sinifikat tagħhom b'rabta mal-baġits tas-sajd u l-baġits nazzjonali totali (2013)

| 2013 | Madagascar | Il-Mauritania | Il-Mozambique | Is-Seychelles |
|---|---|---|---|---|
| Kontribuzzjoni għall-FPAs b'rabta mal-baġit nazzjonali tas-sajd | 41 % | 689 %[1] | 20 % | 250 %[2] |
| Kontribuzzjoni totali mill-UE b'rabta mal-baġit nazzjonali totali | 5 % | 11 % | 2 % | 2 % |

1 Il-baġit tal-Ministeru tas-Sajd kif jidher fil-Liġi tal-Finanzi Mauritanjana. Huwa ma jinkludix spejjeż sinifikanti bħall-ispejjeż għall-portijiet.

2 Spejjeż operattivi biss, esklużi l-investimenti kapitali tal-Awtorità tas-Sajd tas-Seychelles.

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq dokumenti nazzjonali, dokumenti tad-DĠ Kooperazzjoni Internazzjonali u Żvilupp tal-Kummissjoni, u l-FPAs.

## L-informazzjoni pprovduta mill-evalwazzjonijiet *ex post* mhux dejjem kienet utli fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u fin-negozjati

**47**
Evalwazzjonijiet *ex ante* u *ex post*[26] jintużaw mill-Kunsill, mill-Parlament u mill-Kummissjoni fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Huma intenzjonati li jipprovdu informazzjoni affidabbli dwar l-użu tal-ftehim u l-valur miżjud għall-UE u l-pajjiż sieħeb, jivvalutaw l-impatt ambjentali, ekonomiku u soċjali ta' ftehim ta' sħubija u jivverifikaw li r-riżultati miksuba mill-FPAs huma konsistenti mal-objettivi ssettjati għalihom, skont ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Kunsill[27] u mill-Politika Komuni tas-Sajd il-ġdida[28].

**48**
Qabel ma jipprovdi lill-Kummissjoni b'mandat biex tinnegozja protokoll ġdid, il-Kunsill jeħtieġ mill-Kummissjoni li din twettaq evalwazzjoni kemm *ex post* kif ukoll *ex ante* indipendenti fejn protokoll huwa diġà stabbilit, u evalwazzjoni *ex ante* fejn ma hemm l-ebda FPA minn qabel. Dan l-obbligu ġie rinforzat billi ġie inkluż fil-Politika Komuni tas-Sajd il-ġdida.

**49**
Il-partijiet interessati li ġew ikkonsultati matul l-awditu indikaw l-apprezzament tagħhom tal-fatt li rapport *ex post* kien disponibbli. Huma jqisu dan bħala għodda utli billi jagħti stampa kumplessiva tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd taħt ftehim (liċenzji meħuda u qabdiet) u tal-funzjonament u l-valur miżjud tal-ftehim. Madankollu, id-*data* dwar il-qabdiet ippreżentata fir-rapport mhijiex l-aktar aġġornata, għalkemm huwa r-rwol tal-Kummissjoni, bħala maniġer tad-*data*, li tagħmel din id-*data* disponibbli b'mod f'waqtu għall-partijiet interessati deċiżjonali.

**50**
Iż-żmien meħtieġ għat-twettiq tal-evalwazzjoni għandu mbagħad jiġi miżjud ma' dak li diġà huwa proċess twil ta' negozjar. Qabel l-introduzzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd il-ġdida, il-biċċa l-kbira mill-protokolli kellhom tul ta' ħajja qasira ħafna (ta' madwar tliet snin[29]). Għalhekk, l-evalwazzjonijiet setgħu jkopru biss perjodu operattiv qasir, ta' sena jew inqas, tal-protokoll evalwat. Dan naqqas l-utilità tal-evalwazzjonijiet bħala għodda għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Bidla pożittiva kienet it-tul ta' ħajja itwal (ta' erba' sa sitt snin) tal-protokolli l-aktar reċenti, li jista' jkollhom impatt pożittiv fuq il-kompletezza tad-*data* li tinsab fl-evalwazzjonijiet *ex post* tagħhom.

**51**
L-evalwazzjonijiet *ex post* tal-FPAs fl-Oċean Indjan jippreżentaw informazzjoni fuq l-istokkijiet u l-qabdiet fuq livell reġjonali u jinkludu informazzjoni deskrittiva mhux essenzjali li tiġi ripetuta minn perjodu evalwat wieħed għal dak li jmiss u li, ir-rapport tagħmlu estensiv wisq.

26 It-tfassil ta' evalwazzjoni *ex ante* u *ex post* tal-FPAs huwa obbligu taħt ir-Regolament Finanzjarju (UE) Nru 966/2012 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1) għall-programmi u l-attivitajiet kollha li jinvolvu infiq sinifikanti (iktar minn EUR 5 000 000) sabiex jiġi vverifikat li r-riżorsi allokati u r-riżultati miksuba kienu konsistenti mal-objettivi ssettjati.

27 L-2599 Laqgħa tal-Kunsill, Agrikoltura u Sajd, Brussell, id-19 ta' Lulju 2004.

28 L-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

29 Id-durata qasira kienet iddeterminata mill-fatt li l-Kummissjoni ma riditx li l-protokolli eżistenti jiġu applikati ferm wara d-dħul fis-seħħ tal-Politika Komuni tas-Sajd il-ġdida, biex b'hekk il-bidliet miġjuba minn din il-politika jiġu applikati malajr kemm jista' jkun.

52 Min-naħa l-oħra, l-awditu sab li l-evalwazzjonijiet ma jivvalutawx b'mod suffiċjenti l-punt sa fejn dawn l-FPAs jissodisfaw l-objettivi kollha tagħhom (ara l-paragrafu 5 u l-***Kaxxa 1***) (eż. l-ebda referenza għall-impjiegi fir-reġjuni tal-UE li jiddependu mis-sajd, l-ebda informazzjoni dwar il-forniment ta' ħut fis-suq tal-UE). Barra minn hekk, l-evalwazzjonijiet fl-Oċean Indjan ma kkalkolawx il-valur miżjud tal-FPAs b'mod konsistenti. Dan ma ffaċilitax il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet billi l-metodoloġiji użati għall-kalkolu tal-valur miżjud ma kinux kumparabbli bejn il-protokolli u, fil-każ tal-Mozambique, ipproduċew riżultat differenti ħafna (it-***Tabella 3***).

53 Matul l-awditu u wara awditu intern tal-proċess ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni żviluppat metodoloġija ġdida ta' evalwazzjoni tal-valur miżjud, li ilha tiġi applikata minn Jannar 2015 'il hawn. Il-metodoloġija użata biex jiġu evalwati l-protokolli ma' Madagascar (Frar 2014) u l-Mozambique (April 2014) kienet ukoll relattivament ġdida (Jannar 2014), iżda l-metodi użati għall-kalkolu tal-valur miżjud kienu għadhom mhumiex kumparabbli.

Tabella 3

## Inkonsistenzi fil-kalkolu tar-redditu fuq l-investiment pubbliku tal-UE għal kull pajjiż, kif ippreżentati fl-evalwazzjonijiet *ex post* tal-protokolli tal-Oċean Indjan

| | Redditu kkalkolat għal kull euro tal-flus pubbliċi investiti mill-UE (ex post) | Kummenti |
|---|---|---|
| Madagascar (maħruġ fi Frar 2014) | 4.09 | Il-mudell jinkludi benefiċċji u spejjeż f'kategoriji wesgħin biss (eż. il-fjuwil, il-manutenzjoni, it-tariffi tal-portijiet, l-assigurazzjoni, eċċ.) li mhux dejjem huma konsistenti mal-kategoriji użati f'evalwazzjonijiet oħra (eż. fis-Seychelles, huma barra minn hekk jispeċifikaw l-ekwipaġġ, id-deprezzament tal-bastimenti u t-tagħmir, l-spejjeż ġenerali). Madankollu, dan il-mudell[1] tqies mill-Qorti biex tivvaluta tajjeb l-ispejjeż u l-benefiċċji. |
| Il-Mozambique (maħruġ f'April 2014) | 2.08 | L-evalwaturi ma qasmux il-benefiċċji bejn l-UE u l-Mozambique u mhux l-ispejjeż pubbliċi kollha mġarrba mill-UE ġew inklużi fil-kalkolu (l-appoġġ settorjali ġie eskluż). Meta jiġi kkalkolat mill-ġdid mill-Qorti bl-użu tal-istess mudell bħal dak għal Madagascar, ir-redditu fuq l-investiment pubbliku jkun biss ta' EUR 0.91 għal kull euro investit mill-UE. |
| Is-Seychelles (maħruġ f'Jannar 2013) | 4.5 | Il-pagamenti tas-sidien tal-bastimenti ġew inklużi, mhux bħal fl-evalwazzjonijiet l-oħra, fejn tqiesu biss il-flus pubbliċi; l-ispejjeż ġew distribwiti b'mod korrett fost il-partijiet u tqiesu l-ispejjeż pubbliċi kollha. Meta jiġi kkalkolat mill-ġdid mill-Qorti bl-użu tal-istess mudell bħal dak għal Madagascar, ir-redditu fuq l-investiment pubbliku jkun ogħla, f'ammont ta' EUR 5.53 għal kull euro investit mill-UE. |

1 *Proporzjon:* Valur miżjud dirett imwassal lill-UE / Kontribuzzjoni Totali mill-UE (drittijiet ta' aċċess u appoġġ settorjali).

*Sors:* Evalwazzjonijiet *ex post*.

## Parti II — Implimentazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess u l-komponenti tal-appoġġ settorjali tal-FPAs

**54**
L-implimentazzjoni tal-FPAs tinvolvi żewġ aspetti prinċipali: l-aċċess ta' bastimenti tal-UE għall-opportunitajiet tas-sajd (ara l-paragrafi 55 sa 65), u l-appoġġ għall-iżvilupp tas-setturi tas-sajd tal-pajjiżi sħab (ara l-paragrafi 66 sa 83). Sabiex kull aspett jiffunzjona tajjeb (jiġifieri biex jiġi żgurat li l-flotta tista' tistad taħt kundizzjonijiet tajbin, u li l-appoġġ settorjali jtejjeb il-governanza tas-sajd fil-pajjiżi sħab), il-Kummissjoni teħtieġ sistemi xierqa stabbiliti biex timmonitorja l-implimentazzjoni. L-awditu eżamina dawn is-sistemi ta' monitoraġġ.

### Il-proċess ta' awtorizzazzjoni tas-sajd (ħruġ tal-liċenzji) kien twil u ingombranti, iżda l-Kummissjoni ma kinitx ħadet miżuri biex tidentifika x'jista' jittejjeb

**55**
Il-proċess ta' ħruġ tal-liċenzji li permezz tiegħu l-bastimenti jiksbu permess biex jistadu taħt il-protokolli ma għandux ikun kumpless jew li jieħu ħafna żmien, bla meħtieġ, għall-operaturi tas-sajd. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina d-diversi fażijiet tal-proċess ta' ħruġ tal-liċenzji u tivvaluta jekk jistax isir titjib fl-effiċjenza. Il-Qorti tqis li ħarsa ġenerali kompleta taż-żmien meħtieġ għad-diversi stadji tal-proċess hija essenzjali sabiex jiġu identifikati u kkoreġuti l-ineffiċjenzi. L-awditu sab li l-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni suffiċjenti dwar l-iskeda ta' żmien għall-proċess ta' ħruġ tal-liċenzji.

**56**
Il-protokolli jistabbilixxu l-proċess ta' ħruġ tal-liċenzji bejn il-pajjiżi sħab u l-UE, bħall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet lill-awtorità pubblika rilevanti. Il-protokolli jipprevedu wkoll skambju elettroniku ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet tas-sajd. Il-proċess jinvolvi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lid-Delegazzjonijiet tal-UE u lill-pajjiżi sħab. Aktar dettalji jingħataw fl-***Anness 1***. L-awditu tal-Qorti ffoka fuq id-*data* disponibbli sabiex jiġi mmonitorjat dan il-proċess u jiġi analizzat kwalunkwe tidwim.

**57**
Hemm indikazzjonijiet li t-tidwim fil-proċess ta' ħruġ tal-liċenzji affettwa b'mod negattiv l-attivitajiet tas-sajd: 78 % ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ tal-Qorti qajmu tħassib dwar dan it-tidwim, li ġie wkoll espress f'komunikazzjonijiet minn rappreżentanti tal-operaturi tas-sajd lill-Kummissjoni.

**58**
L-awditu nnota li l-pajjiżi sħab li saritilhom żjara kienu riluttanti li, jew ma setgħux, minħabba rekwiżiti legali nazzjonali, jaċċettaw awtorizzazzjonijiet elettroniċi tas-sajd, u kollha kemm huma kienu jeħtieġu li l-oriġinal tal-liċenzja jinżamm abbord il-bastiment awtorizzat waqt l-attivitajiet tas-sajd.

**59**
Kif jidher fil-***Figura 5***, filwaqt li fil-Mozambique u fis-Seychelles id-Delegazzjonijiet u l-attachés għas-sajd kellhom informazzjoni dwar l-ammont ta' żmien li għadda mit-talba mill-operatur sad-data tal-ħruġ mill-pajjiż sieħeb, f'Madagascar l-informazzjoni miżmuma fid-Delegazzjoni kienet relatata biss maż-żmien li għadda mill-wasla tal-fajl tal-applikazzjoni għand id-Delegazzjoni sa meta ngħadd lill-Kummissjoni. Fil-Mauritania, it-tabella ta' monitoraġġ ma kinitx disponibbli.

**60**
Il-Qorti nnotat li f'xi każijiet seħħ tidwim sinifikanti qabel ma l-fajl tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji wasal għand l-awtoritajiet tal-pajjiżi sħab. Madankollu, għall-protokolli eżaminati, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda sistema ta' informazzjoni biex tgħinha żżomm rekord taż-żmien meħtieġ għal kull wieħed mill-passi fil-fluss tax-xogħol tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji li kienet żviluppat u, konsegwentement, hija ma setgħetx tidentifika fejn it-tidwim kien seħħ (jekk fuq il-livell tal-Istati Membri, tal-pajjiżi sħab, jew tal-Kummissjoni). Barra minn hekk, filwaqt li l-bażi tad-*data* dwar l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd meħtieġa bir-Regolament (KE) Nru 1006/2008 teżisti u tinkludi informazzjoni aġġornata dwar liċenzji eżistenti, ma fihiex *data* suffiċjenti biex jiġi analizzat kwalunkwe tidwim. Għalhekk, il-Qorti ma setgħetx tidentifika r-raġunijiet għat-tidwim. Ir-reviżjoni ta' dan ir-Regolament dwar l-Awtorizzazzjonijiet tas-Sajd, imħabbra fl-2011, tista' tgħin biex jiġu identifikati u mnaqqsa l-konġestjonijiet proċedurali, iżda l-proposta tal-Kummissjoni għadha ma ġietx iffinalizzata u ppreżentata għal kodeċiżjoni.

Figura 5

## Durata magħrufa tal-proċess ta' ħruġ tal-liċenzji

<table>
<tr><th></th><th>Operatur — Stat Membru</th><th>Stat Membru — Kummissjoni</th><th>Kummissjoni — Delegazzjoni</th><th>Delegazzjoni — Pajjiż Sieħeb</th><th>Awtoritajiet tal-Pajjiż Sieħeb</th><th>Pajjiż Sieħeb — Delegazzjoni</th><th>Delegazzjoni — Kummissjoni</th><th>Kummissjoni — Stat Membru</th><th>Stat Membru — Operatur</th></tr>
<tr><td>Madagascar</td><td colspan="3">L-ebda informazzjoni disponibbli</td><td colspan="3">41 jum</td><td colspan="3">L-ebda informazzjoni disponibbli</td></tr>
<tr><td>Il-Mauritania</td><td colspan="9">L-ebda tabella ta' monitoraġġ disponibbli</td></tr>
<tr><td>Il-Mozambique</td><td colspan="4">Aktar minn 5 xahar</td><td>1 jum[1]</td><td colspan="4">L-ebda informazzjoni disponibbli</td></tr>
<tr><td rowspan="2">Is-Seychelles</td><td colspan="4">L-ebda informazzjoni disponibbli</td><td>19-il jum</td><td colspan="4">L-ebda informazzjoni disponibbli</td></tr>
<tr><td colspan="5">126 jum</td><td colspan="4">Mhux applikabbli (il-liċenzja tintbagħat direttament lill-operaturi)</td></tr>
</table>

1 Il-fatt li l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd inħarġu fl-istess jum meta ġew irreġistrati l-fajls tal-applikazzjonijiet jixħet dubji fuq l-affidabbiltà tad-data ta' reġistrazzjoni.

*Sors:* Tabelli ta' monitoraġġ ipprovduti mid-Delegazzjoni u l-attachés għas-sajd.

### Il-monitoraġġ ċentrali tal-qabdiet ma kienx adegwat, u b'hekk ipoġġi f'riskju l-identifikazzjoni f'waqtha tal-problemi u l-kalkolu korrett tal-pagamenti

**61**
Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtieġu jimmonitorjaw u jivverifikaw il-preċiżjoni tad-*data* rigward il-qabdiet reali, sabiex jidentifikaw il-problemi ta' implimentazzjoni, jippermettu deċiżjonijiet infurmati meta jkunu qed jinnegozjaw protokolli ġodda, u jiżguraw l-kalkolu korrett tal-pagamenti għal qabdiet addizzjonali, kull meta dan jista' jseħħ.

**62**
Ir-Regolament (KE) Nru 1006/2008 jeħtieġ li l-bastimenti jippreżentaw id-*data* dwar il-qabdiet lill-Istati Membri tagħhom kull ġimgħa. Abbażi ta' din l-informazzjoni, l-Istati Membri jridu mbagħad jippreżentaw id-*data* kollha dwar il-qabdiet lill-Kummissjoni kull xahar, b'ripartizzjoni skont iż-żona tas-sajd fiż-ŻEE kollha (jekk suġġetti għal ftehim jew xort'oħra) u fl-ilmijiet internazzjonali. Aktar dettalji dwar ir-rwol tal-Istati Membri f'dan il-qasam huma pprovduti fl-***Anness I***. Il-Kummissjoni għandha żżomm bażi tad-*data* dwar il-qabdiet b'din l-informazzjoni. Dan ir-Regolament jeħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tospita bażi tad-*data* tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd li għandha tiġi aġġornata regolarment mill-Istati Membri.

**63**
L-awditu identifika nuqqasijiet fil-ġestjoni, mill-Kummissjoni, tad-*data* dwar il-qabdiet għall-protokolli rieżaminati. Il-Qorti sabet bosta differenzi sinifikanti fost id-*data* dwar il-qabdiet ipprovduta mid-diversi sorsi: mill-Istati Membri, mid-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd u mill-evalwazzjonijiet *ex post*. Differenzi bħal dawn jintwerew fit-***Tabella 4***. Kien hemm nuqqas ta' *data* affidabbli, konsistenti u kompleta dwar il-qabdiet reali tal-ħut meħuda taħt l-FPAs fuq il-livell tal-Kummissjoni.

**64**
Differenzi simili ġew innotati bejn id-*data* li l-Qorti rċeviet mill-Istati Membri u dik mill-Kummissjoni. Dawn id-differenzi jistgħu jiġu spjegati wkoll mill-fatt li l-Istati Membri bagħtu *data* dwar il-qabdiet (b'ripartizzjoni skont il-bastiment u l-ispeċi) lill-Kummissjoni f'formati differenti. Il-Kummissjoni mbagħad ipproċessat id-*data* manwalment, iżda ma kkonsolidathiex f'bażi tad-*data* ċentrali. Reċentement, il-Kummissjoni ħadet miżuri biex tirrimedja din is-sitwazzjoni. F'Jannar 2015, il-ġestjoni tad-*data* ġiet trasferita lis-servizz responsabbli għall-FPAs. Barra minn hekk, *data* storika dwar il-qabdiet ġiet ikkonsolidata, għalkemm din l-informazzjoni kkonsolidata ma kinitx disponibbli għall-perjodu kopert mill-protokolli awditjati. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni stabbilixxiet bażi tad-*data* (*data* dwar il-qabdiet mill-2013 'il hawn), għalkemm din ma kinitx operazzjonali fiż-żmien tal-awditu billi l-Istati Membri kienu għadhom mhumiex konformi ma' rekwiżiti ta' rappurtar tagħhom.

Tabella 4

## Eżempji ta' differenzi fid-*data* dwar il-qabdiet bejn id-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd u l-evalwazzjonijiet *ex post* għall-protokolli tal-Oċean Indjan

(tunnellati)

| | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| **Madagascar** | | | | |
| Qabdiet totali skont l-evalwazzjoni *ex post* | 14 596 | 10 055 | 10 282 | 8 053 |
| Qabdiet totali skont id-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd | 14 653 | 9 916 | 9 870 | 8 083 |
| Differenza (t) | -57 | 139 | 412 | -30 |
| **Differenza (%)** | **0 %** | **1 %** | **4 %** | **0 %** |
| **Il-Mozambique** | | | | |
| Qabdiet totali skont l-evalwazzjoni *ex post* | 3 840 | 4 261 | 2 330 | 1 156 |
| Qabdiet totali skont id-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd | 3 426 | 4 261 | 1 442 | 1 132 |
| Differenza (t) | 414 | 0 | 888 | 24 |
| **Differenza (%)** | **12 %** | **0 %** | **62 %** | **2 %** |
| **Is-Seychelles** | | | | |
| Qabdiet totali skont l-evalwazzjoni *ex post* | md | md | 40 545 | md |
| Qabdiet totali skont id-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd | 23 762 | 41 668 | 40 078 | 34 779 |
| Differenza (t) | md | md | 467 | md |
| **Differenza (%)** | **md** | **md** | **1 %** | **md** |

md: mhux disponibbli.

*Sors:* Id-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd u l-evalwazzjonijiet *ex post*.

**65**
In-nuqqas ta' *data* kkonsolidata u vverifikata jista' jkollu konsegwenzi negattivi. Pereżempju, jekk il-qabda finali tkun ogħla miit-tunnellaġġ ta' referenza, pagament addizzjonali jista' jkun meħtieġ, u għaldaqstant iwassal għal riskju finanzjarju. Fil-fatt, il-Qorti diġà identifikat każ fejn monitoraġġ inadegwat ta' qabdiet irriżulta f'nefqa mhux prevista għall-Kummissjoni[30]. Barra minn hekk, il-monitoraġġ u l-aġġornament regolari tal-informazzjoni dwar il-qabdiet, jippermettu l-użu ta' informazzjoni aġġornata u jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet f'negozjati fejn l-informazzjoni fl-evalwazzjonijiet *ex post* ma tkunx l-aktar waħda reċenti (ara l-paragrafu 49).

30 Kif irrappurtat fir-Rapport Annwali 2011 tal-Qorti, it-Taqsima 4.46 dwar il-protokoll 2008-2012 mal-Mauritania. F'dan il-każ, l-awtoritajiet nazzjonali infurmaw lill-Kummissjoni li l-kwota ta' 300 000 tunnellata għas-sena li ntemmet fil-31 ta Lulju 2010 kienet inqabżet. Il-Kummissjoni kellha tħallas EUR 1.9 miljun lill-Mauritania għal 47 346 tunnellata li nqabdu lil hinn mill-kwota. Monitoraġġ aħjar tal-qabdiet tal-ħut, kieku, kien jippermetti li s-servizzi tal-Kummissjoni jqisu li tittieħed azzjoni preventiva biex jiġi evitat li jsiru pagamenti addizzjonali.

**Il-Kummissjoni u l-pajjiżi sħab qablu dwar l-attivitajiet rilevanti li għandhom jiġu ffinanzjati bl-użu tal-appoġġ settorjali, iżda l-koordinazzjoni ma' sħab oħra fis-settur kienet nieqsa**

**66**

Skont id-dispożizzjonijiet tal-FPAs, il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi programm settorjali pluriennali fil-forma ta' matriċi f'konformità mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab għas-settur tas-sajd. Il-linji gwida tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-appoġġ settorjali jindikaw li l-azzjonijiet inklużi f'din il-matriċi għandhom jieħdu kont tal-objettiv li tittejjeb il-governanza permezz tal-iżvilupp ta' sistema ta' ġestjoni u kontroll effettiva għas-settur tas-sajd u tal-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd. Il-matriċi tal-appoġġ settorjali għandha tkun akkumpanjata minn objettivi, kriterji, proċeduri u indikaturi ċari għall-evalwazzjoni tar-riżultati tal-azzjonijiet maqbula. L-appoġġ settorjali tas-sajd għandu jiġi kkoordinat ma' azzjonijiet ta' sħab finanzjarji oħra fil-pajjiżi sħab.

**67**

Fl-erba' pajjiżi li saritilhom żjara, il-Qorti sabet li l-azzjonijiet proposti għall-appoġġ settorjali kienu f'konformità mal-istrateġiji nazzjonali. Il-biċċa l-kbira mill-azzjonijiet ippjanati kienu relatati mal-governanza u l-investimenti fis-settur tas-sajd. Dan ipprovda bażi tajba għall-appoġġ settorjali ppjanat, u kien konsistenti mal-azzjonijiet ippjanati taħt il-protokolli preċedenti. Dan jintwera fit-***Tabella 5***.



Stampa 1 — Stazzjon tal-alimentazzjoni tal-fjuwil għall-flotta tas-sajd artiġjanali fis-Seychelles
*Sors:* Il-QEA.

Tabella 5

## Azzjonijiet prinċipali ffinanzjati u l-proporzjon tal-appoġġ settorjali totali (AS) (spejjeż ibbaġitjati 2013)

| Azzjonijiet prinċipali kif ippjanati għall-2013 | Madagascar[1] % tal-AS | Il-Mauritania[2] % tal-AS (2012-2013) | Il-Mozambique[1,5] % tal-AS | Is-Seychelles[1] % tal-AS |
|---|---|---|---|---|
| Attivitajiet ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza (pattulji, spezzjonijiet, VMS, ERS) | 52 % | 38 % | 7 % | 16 % |
| Attivitajiet ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza (osservaturi) | 4 % | - | 4 % | 2 % |
| Riċerka xjentifika għall-istokkijiet | - | 3 % | 63 % | 10 % |
| Laboratorji, sikurezza alimentari (esportazzjonijiet) | 44 % | 2 % | Azzjonijiet esegwiti fil-passat | 3 % |
| Bini ta' kapaċità u parteċipazzjoni f'laqgħat | - | 3 % | 22 % | 22 % |
| Infrastruttura marbuta direttament mal-attivitajiet/settur tas-sajd | - | 53 % | *38 % tal-bilanċ tal-protokoll preċedenti, minfuqa fl-2012*[5] | 38 % |
| Infrastruttura mhux marbuta mal-attivitajiet tas-sajd | -[3,4] | - | *46 % tal-bilanċ tal-protokoll preċedenti, minfuqa fl-2012*[5] | - |
| Fond ta' self għas-settur tal-sajd lokali | - | - | - | 10 % |

1 Kalkolu bbażat fuq spejjeż ibbaġitjati.

2 Kalkolu bbażat fuq pagamenti fil-perjodu 2012-2013.

3 Azzjonijiet ġew esegwiti fil-passat.

4 L-ammont mhuwiex disponibbli.

5 Is-somma tal-ispejjeż proposti mill-PS ma taqbilx mal-baġit totali tal-UE għas-sena.

*Sors:* Matriċi u rapporti tal-attività.

**68**

Madankollu, il-protokolli ma jinkludux kundizzjonijiet formali ta' eliġibbiltà għall-finanzjament ta' azzjonijiet mill-appoġġ settorjali. Ma hemm l-ebda evidenza fil-miinuti tal-Kumitati Konġunti tal-protokolli tal-Oċean Indjan awditjati li l-kriterji, il-proċeduri u l-indikaturi għall-evalwazzjoni tar-riżultati tal-appoġġ settorjali ġew diskussi fid-dettall. L-eżempju pożittiv tal-protokoll 2008-2012 mal-Mauritania, li stabbilixxa oqsma ta' attività speċifiċi u indikaturi speċifiċi, ma ġiex emulat mill-protokolli tal-Oċean Indjan li ġew approvati f'data aktar tard.



Stampa 2 — Bastimenti tal-iskejjel tas-sajd iffinazjati mill-appoġġ settorjali fis-Seychelles
*Sors:* Il-QEA.

**69**
L-awditu sab ukoll li, fil-pajjiżi tal-Oċean Indjan li saritilhom żjara, il-koordinazzjoni fost is-sħab għall-iżvilupp li huma attivi fis-settur tas-sajd, kienet dgħajfa. L-appoġġ settorjali mhuwiex diskuss fil-laqgħat regolari ta' koordinazzjoni bejn ir-rappreżentanti responsabbli għall-appoġġ taħt il-FEŻ fid-Delegazzjoni tal-UE u s-sħab finanzjarji l-oħra, u l-attaché għas-sajd ma jiħux sehem f'dawn il-laqgħat. Dan minkejja l-fatt li l-Ftehim ta' Cotonou[31] jidentifika l-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd bħala li huwa prijorità għall-iżvilupp ekonomiku ġenerali.

**70**
Barra minn hekk, fl-ebda wieħed mill-pajjiżi li saritilhom żjara l-appoġġ settorjali tal-FPAs ma kien inkluż f'matriċi globali flimkien mal-fondi l-oħra intenzjonati għall-użu fis-settur tas-sajd. Pereżempju fil-Mozambique, fejn sħab differenti qed jiffinanzjaw azzjonijiet simili, hemm riskju ta' finanzjament doppju, partikolarment fir-rigward ta' parteċipazzjoni f'laqgħat u f'attivitajiet ta' spezzjoni. Għalkemm il-Mozambique ma għandhiex matriċi globali stabbilità, la tinkludi s-sħab rilevanti kollha u lanqas l-appoġġ settorjali. Dan kien il-każ ukoll f'Madagascar.

31 Il-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati Afrikani, tal-Paċifiku u tal-Karibew u l-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 23 u 23a, kif rivedut fil-11 ta' Marzu 2010.

### Il-kontroll mill-Kummissjoni tal-azzjonijiet ta’ appoġġ settorjali kien limitat u l-azzjonijiet li fil-fatt ġew implimentati mill-pajjiżi sħab, f’xi każijiet, kienu differenti minn dawk maqbula

**71**
Għal riassigurazzjoni li l-objettivi tal-element ta’ appoġġ settorjali tal-FPAs qed jintlaħqu u li l-fondi tal-UE qed jintużaw kif intenzjonat, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-effettività tal-azzjonijiet imwettqa u tiċċekkja jekk dawn jikkorrispondux għal dawk approvati mill-Kumitat Konġunt. Dan ikun jeħtieġ ukoll li l-pajjiż sieħeb jipprovdi informazzjoni suffiċjenti biex jil-Kumitat Konġunt ikun jista’ jivvaluta r-riżultati u l-kosteffettività tal-azzjonijiet appoġġati. Il-Kummissjoni żviluppat linji gwida għas-segwitu tal-appoġġ settorjali. Dawn il-linji gwida jipprovdu li l-attaché għas-sajd ikun responsabbli għall-kontrolli, fuq il-post, tal-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet, għad-djalogu ta’ politika, għall-monitoraġġ ta’ attivitajiet oħra tas-sieħeb finanzjarju u għaż-żamma ta’ fajl tal-pajjiż.

**72**
F’termini prattiċi, il-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet ta’ appoġġ settorjali maqbula permezz tal-parteċipazzjoni tagħha fil-Kumitat Konġunt annwali. Madankollu, il-protokolli awditjati ma kien fihom l-ebda rekwiżit li jispeċifika liema dokumentazzjoni l-pajjiżi sħab kellhom jipprovdu għal skopijiet ta’ monitoraġġ, u lanqas ma kienu jistabbilixxu proċeduri dwar kif għandhom jiġu ttrattati l-problemi ta’ implimentazzjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt. Fin-nuqqas ta’ regoli speċifiċi ta’ monitoraġġ u drittijiet ta’ kontroll fil-protokolli, il-kompitu ta’ monitoraġġ tal-appoġġ settorjali ta’ monitoraġġ kien ikkumplikat. Barra minn hekk, fil-prattika, l-attaché għas-sajd fl-Oċean Indjan ma għandux ir-riżorsi meħtieġa biex iwettaq monitoraġġ fil-fond f’ħames pajjiżi sħab (jiġifieri żjarat fuq il-post għal proġetti appoġġati), b’mod partikolari f’każijiet fejn il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet hija kumplessa.

**73**
Minbarra d-diffikultajiet ikkawżati min-nuqqas ta’ qafas ta’ monitoraġġ komprensiv, il-kontroll mill-Kummissjoni tan-nefqa għall-appoġġ settorjali xxekkel aktar minħabba l-fatt li l-informazzjoni pprovduta mill-pajjiżi sħab, minbarra li normalment kienet limitata għall-outputs, mhux dejjem kienet verifikabbli. Tabilħaqq, il-biċċa l-kbira mill-azzjonijiet ma kinux traċċabbli fil-baġit, u l-Kummissjoni kellha assigurazzjoni limitata li l-azzjonijiet ikklejmjati fil-fatt twettqu u li l-ispiża hija raġonevoli.

**74**
Il-Qorti sabet li l-Kumitat Konġunt ma vverifikax b'mod sistematiku l-kosteffettività tal-azzjonijiet ta' appoġġ settorjali bħalma għamel għall-protokoll 2011-2013 mas-Seychelles. F'dan il-każ partikolari, awditu tal-prestazzjoni twettaq għall-valutazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-appoġġ settorjali, li ġew implimentati fl-2012, li għalihom ġew ibbaġitjati EUR 8.45 miljun. L-awditu kkonkluda li ftit azzjonijiet biss kienu ġew esegwiti tajjeb (eż. il-VMS), xi wħud kienu fl-idejn (eż. bażijiet tad-*data*, studji, proġetti ta' infrastruttura għall-flotta industrijali u semiindustrijali), u oħrajn kellhom jew rata medja ta' kkompletar ta' taħt il-50 % (pjanijiet ta' ġestjoni, studji ta' riċerka) jew inkella ma kienu ġew implimentati xejn (eż. osservaturi abbord, tagħmir ta' komunikazzjoni fuq il-baħar, infrastrutturi artiġjanali, eċċ.). Is-sejbiet tal-awditu ġew diskussi fil-laqgħa segwenti tal-Kumitat Konġunt, flimkien mal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u ta' azzjonijiet ulterjuri. Fil-każ tal-Mozambique, għalkemm dispożizzjoni għall-valutazzjoni tal-valur għall-flus ta' investimenti ffinanzjati mill-UE ġiet introdotta fit-test tal-protokoll 2012-2014, ma nstabet l-ebda evidenza li din il-valutazzjoni kienet twettqet.

**75**
Barra minn hekk, l-awditu sab li l-Kummissjoni ma tatx attenzjoni suffiċjenti għad-diffikultajiet tal-pajjiżi sħab fl-assorbiment tal-fondi ta' appoġġ settorjali, li affettwa tlieta mill-erba' protokolli awditjati. It-***Tabella 6*** ta' hawn taħt turi l-bilanċ pendenti tal-baġits tal-appoġġ settorjali fi tmiem l-erba' protokolli awditjati. Minkejja s-sinifikat tal-proporzjon ta' fondi mhux minfuqa, il-Kummissjoni saret konxja biss tal-ammont ta' finanzjament li baqa' ma ntużax u tal-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati bl-użu ta' dawn il-fondi ladarba l-protokolli kienu waslu biex jiskadu. Xenarju bħal dan joħloq ir-riskju li, speċjalment lejn tmiem protokoll, il-pajjiżi sħab jonfqu l-bilanċ tal-appoġġ settorjali fuq azzjonijiet li huma kapaċi jassorbu proporzjon sinifikanti tal-fondi mhux minfuqa, iżda li mhumiex f'konformità mal-prijoritajiet tal-FPAs fir-rigward tat-titjib tal-governanza tas-sajd, sabiex ma jitilfux il-fondi disponibbli.

**Tabella 6**

**Bilanċ pendenti tal-appoġġ settorjali fi tmiem il-protokolli preċedenti, minfuq matul il-protokolli fis-seħħ fiż-żmien tal-awditu**

| Pajjiż | Madagascar | Il-Mauritania | Il-Mozambique | Is-Seychelles |
|---|---|---|---|---|
| Bilanċ pendenti fi tmiem il-protokoll preċedenti (euro) | 0 | 25 000 000 | 788 555 | 5 568 928 |
| Proporzjon tal-bilanċ li jikkorrispondi għall-appoġġ settorjali totali matul il-protokoll | 0 % | 38 % | 63 % | 63 % |

*Sors:* Protokolli, minuti tal-Kumitati Konġunti u rapport ta' implimentazzjoni.

76
Fil-fatt, l-awditu sab li, minkejja l-għażla relattivament tajba ta' azzjonijiet, il-fondi ma ntużawx bis-sħiħ kif intenzjonat fil-pajjiżi sħab kollha li saritilhom żjara matul l-awditu (kif jintwera fil-***Kaxxa 2***). Minflok, f'xi każijiet, il-fondi ntużaw għal proġetti oħra, li ma kinux daqstant rilevanti għall-ġestjoni tas-sajd bħall-azzjonijiet ippjanati u li kienu differenti mit-tipi indikattivi ta' azzjoni ppreżentati fil-linji gwida tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali.

Kaxxa 2

## Eżempji ta' fondi ta' appoġġ settorjali mhux traċċabbli fil-baġit nazzjonali jew mhux użati kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-pajjiżi sħab

### Madagascar

It-traċċabbiltà tal-fondi fil-baġit nazzjonali ma kinitx żgurata, minkejja talbiet ripetuti mid-Delegazzjoni biex tiġi pprovduta linja baġitarja speċifika għall-appoġġ settorjali. Il-fatt li l-kontribuzzjoni mill-UE u l-finanzjament minn sħab oħra għall-iżvilupp ma kinux assenjati u identifikabbli fil-baġit nazzjonali, għamel it-trasferimenti diffiċli biex jiġu mmonitorjati. Dan in-nuqqas ta' traċċabbiltà jista' wkoll ifixkel il-qbid ta' finanzjament doppju mal-programm ta' spezzjoni reġjonali.

Il-Kummissjoni ssospendiet il-pagamenti għal sena waħda (2011) minħabba kwistjonijiet ta' implimentazzjoni.

### Il-Mauritania

Il-pajjiż ibbenefika minn EUR 65 miljun ta' appoġġ settorjali taħt il-protokoll 2008-2012. Mill-2011 sa tmiem il-protokoll f'Lulju 2012, l-awtoritajiet naqsu milli jinfurmaw b'mod suffiċjenti lill-Kummissjoni dwar kif kienu qed jużaw il-fondi ta' appoġġ settorjali. Kien biss f'Awwissu 2012, wara bosta talbiet mill-Kummissjoni, li l-pajjiż sieħeb żvela li l-allokazzjonijiet ta' appoġġ settorjali mhux minfuqa fi tmiem il-protokoll kienu jammontaw għal EUR 25 miljun. Bejn wieħed u ieħor 90 % ta' dan il-bilanċ ġew assenjati għal partiti tal-infrastruttura bħall-infrastruttura tal-portijiet, u bastimenti tal-pattulji. Minn dan l-ammont, bejn wieħed u ieħor 50 % kienu ntnefqu mill-pajjiż sieħeb mingħajr il-ftehim *ex ante* tal-Kummissjoni.

### Il-Mozambique

L-awtoritajiet jassenjaw kodiċi tal-proġetti fil-baġit. Madankollu, dawn waħidhom mhumiex suffiċjenti biex jimmitigaw ir-riskju ta' finanzjament doppju mid-diversi sħab finanzjarji għal azzjonijiet bħal osservaturi, jiem ta' spezzjoni, jiem ta' missjoni għal laqgħat internazzjonali, eċċ.

Il-bilanċ tal-appoġġ settorjali minn protokoll preċedenti (2007-2011) iffinanzja azzjonijiet li ma kinux inklużi fil-matriċi pluriennali (2012-2014) jew annwali (2012) u għalhekk mhux approvati *ex ante* mill-Kumitat Konġunt. Il-Kummissjoni ma ssospendietx pagamenti f'dan il-każ. L-infrastruttura kienet tirrappreżenta 84 % tal-fondi minfuqa fl-2012. Il-Kummissjoni ġiet infurmata darba biss li l-azzjonijiet kienu ġew implimentati. In-nefqa mhux dejjem kienet marbuta direttament mal-iżvilupp tas-settur tas-sajd Mozambiquejan jew mat-titjib fil-governanza tas-sajd (il-bini tal-ministeru li jirrappreżenta 46 % tal-bilanċ għall-2012 u l-bini ta' ċnut madwar l-iskola tas-sajd li jirrappreżenta 38 %).

### Pagamenti li saru mill-Kummissjoni għall-appoġġ settorjali ma kinux marbuta mal-progress miksub mill-pajjiżi sħab fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet maqbula

**77**
Sabiex jiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' kundizzjonalità, il-protokoll għandu jipprevedi l-possibbiltà ta' aġġustament tal-pagamenti biex jiġi rifless il-progress fuq l-azzjonijiet jew meta ma jkun hemm l-ebda ġestjoni finanzjarja tajba fil-pajjiż sieħeb, aktar milli sempliċiment jissospendihom.

**78**
L-awditu sab li l-protokolli ma pprevedewx tnaqqis fil-komponent tal-appoġġ settorjali abbażi tal-progress reali miksub mill-pajjiżi sħab meta jkunu qed jimplimentaw l-azzjonijiet maqbula.

**79**
Il-protokolli tal-Oċean Indjan awditjati jipprovdu li l-komponent tal-appoġġ settorjali jista' jiġi sospiż, wara konsultazzjoni fil-Kumitat Konġunt, fejn l-azzjonijiet implimentati jkunu inkonsistenti mal-programm ibbaġitjat (azzjonijiet u eżekuzzjoni finanzjarja). Din id-definizzjoni ta' kundizzjonalità tagħmilha diffiċli għall-Kummissjoni biex tapplika b'mod xieraq is-sospensjoni tal-komponent tal-appoġġ settorjali. Fil-fatt, kien hemm biss każ reali wieħed ta' sospensjoni, f'Madagaskar fl-2011, u dan ma kienx marbut mal-progress tal-pajjiż fl-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali.

**80**
Fil-Mauritania, il-Kummissjoni tejbet il-kundizzjonalità tal-appoġġ settorjali għall-protokoll 2013-2014 billi introduċiet kundizzjonijiet aktar espliċiti. B'mod partikolari, l-ewwel pagament taħt il-protokoll sar kundizzjonali skont l-assorbiment tal-bilanċ mill-protokoll preċedenti, u l-iżborżament tal-komponent tal-appoġġ settorjali kien marbut mal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet maqbula. Il-Kummissjoni applikat dawn id-dispożizzjonijiet u ma ħallsitx il-komponent tal-appoġġ settorjali billi l-bilanċ eżistenti ma kienx intnefaq kollu. Madankollu, fir-rigward tal-protokolli tal-Oċean Indjan, l-ebda żborżament parzjali ma kien possibbli.

**81**
Il-Politika Komuni tas-Sajd il-ġdida introduċiet il-prinċipju ta' frid (diżakkoppjar) tad-drittijiet ta' aċċess u l-pagamenti għall-appoġġ settorjali[32]. Dan ifisser li l-komponent tal-appoġġ settorjali ma għadx għandu data fissa għall-pagamenti bħalma huwa l-każ tal-komponent tad-drittijiet ta' aċċess, iżda għandu jitħallas ladarba l-pajjiżi sħab ikunu jistgħu juru r-riżultati miksuba. Il-Qorti tqis li dan huwa titjib fuq il-fokus preċedenti fuq l-azzjonijiet. Madankollu, l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju hija mxekkla mill-fatt li l-protokolli attwalment fis-seħħ għadhom ma jipprevedux il-possibbiltà ta' tnaqqis parzjali ta' pagamenti meta r-riżultati jkunu biss parzjalment miksuba, iżda biss il-possibbiltà li l-Kummissjoni tissospendi l-pagamenti fejn ir-riżultati ma jkunux sodisfaċenti.

32 L-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprovdi li l-appoġġ settorjali huwa kondizzjonali skont il-kisba ta' riżultati speċifiċi u jikkomplementa u huwa konsistenti mal-proġetti u l-programmi ta' żvilupp implimentati fil-pajjiż terz ikkonċernat. L-appoġġ settorjali għandu jinfired mill-ħlasijiet għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd. L-Unjoni titlob riżultati speċifiċi bħala kondizzjoni tal-ħlasijiet taħt l-assistenza finanzjarja, u timmonitorja mill-qrib il-progress.

**82**

L-awditu sab ukoll li hemm nuqqas ta' konsistenza bejn it-trattament tal-appoġġ settorjali tal-FPAs (mid-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd tal-Kummissjoni) u l-pagamenti taħt il-FEŻ għall-appoġġ baġitarju (mid-DĠ Kooperazzjoni Internazzjonali u Żvilupp). L-appoġġ settorjali (FPAs) u l-appoġġ baġitarju (FEŻ) jikkondividu l-istess kunċett, peress li l-pagamenti jiġu żborżati direttament lill-awtoritajiet pubbliċi fil-pajjiżi sħab ibbażati fuq il-progress miksub f'għadd ta' oqsma definiti qabel. F'xi każijiet, il-pagamenti taħt il-FEŻ iddewmu mill-Kummissjoni minħabba diversi problemi marbuta jew mas-sitwazzjoni politika jew inkella mal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi. Approċċ simili ma tteħidx mid-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd fir-rigward ta' pagamenti għall-appoġġ settorjali. Il-***Kaxxa 3*** turi din l-inkonsistenza fil-każijiet ta' Madagascar u tal-Mozambique.

**83**

Il-protokolli ma jinkludux regoli relatati mat-trasparenza baġitarja fil-pajjiż sieħeb, b'kuntrast mal-Linji gwida dwar l-Appoġġ Baġitarju tal-UE[33]. Filwaqt li l-Mozambique kienet, b'mod ta' min ifaħħru, ħadet l-inizjattiva li tidentifika azzjonijiet skont il-kodiċi tal-proġett fil-baġit, kien hemm ftit li xejn traċċabbiltà tal-fondi fit-tliet pajjiż l-oħra li saritilhom żjara, u dan affettwa l-viżibbiltà tal-appoġġ u l-potenzjal għall-monitoraġġ sussegwenti tal-użu ta' fondi ta' appoġġ settorjali tal-UE. Il-fatt li l-protokolli ma jeħtiġux li l-pajjiżi sħab jiżguraw it-traċċabbiltà u t-trasparenza tal-fondi mhuwiex konsistenti mar-rekwiżiti għall-appoġġ baġitarju għar-riformi settorjali taħt il-Ftehim ta' Cotonou.

33 L-appoġġ baġitarju huwa suġġett għal kriterji ta' eliġibbiltà (it-Taqsima 5.1 tal-Linji Gwida dwar l-Appoġġ Baġitarju, 2012). Tnejn minn dawn huma:
- ġestjoni finanzjarja pubblika tajba jew programm kredibbli u rilevanti biex itejjibha;
- trasparenza u sorveljanza tal-baġit.
Barra minn hekk, l-Artikolu 61(2) tal-Ftehim ta' Cotonou jistipula li: "Għandha tingħata assistenza baġitarja diretta b'sostenn għal riformi makroekonomiċi jew settorjali fil-każijiet fejn: [...] (c) ġestjoni finannzjarja pubblika tkun suffiċjentement trasparenti, responsabbli u effettiva."

**Kaxxa 3**

### Inkonsistenzi bejn il-pagamenti tal-UE fil-pajjiżi sħab

F'Madagascar, kważi l-assistenza finanzjarja kollha tal-UE ġiet sospiża mill-2010 sa Mejju 2014, skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou, jew miżuri xierqa pendenti fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt. Madankollu, il-pagamenti taħt l-FPAs tkomplew.

Fil-Mozambique, pagament wieħed għall-appoġġ baġitarju ddewwem b'seba' xhur sakemm il-Gvern solva kwistjoni li taffettwa t-trasparenza tal-finanzi pubbliċi nazzjonali, kif mitlub mid-donaturi tal-Fond Monetarju Internazzjonali/Appoġġ Baġitarju Ġenerali. Madankollu, il-pagamenti għall-appoġġ settorjali tal-FPAs saru matul dan il-perjodu.

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mid-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd u mid-DĠ Kooperazzjoni Internazzjonali u Żvilupp.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

84
Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd (FPAs) bejn l-UE u l-pajjiżi sħab tagħha jippermettu li l-flotot tas-sajd tal-UE jistadu fl-ilmijiet tal-pajjiżi sħab, u jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli tas-settur nazzjonali tas-sajd tagħhom. L-awditu tal-Qorti eżamina jekk l-FPAs humiex immaniġġjati tajjeb mill-Kummissjoni, billi ġew investigati n-negozjar ta' FPAs u l-protokolli tagħhom, l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' aċċess għas-sajd, u l-implimentazzjoni ta' appoġġ għas-settur nazzjonali tas-sajd. L-awditu kkonkluda li l-FPAs huma ġeneralment immaniġġjati tajjeb mill-Kummissjoni, iżda li għad hemm bosta oqsma għal titjib, partikolarment fir-rigward tal-implimentazzjoni.

85
In-negozjar ta' FPA u tal-protokolli assoċjati tiegħu huwa proċess twil u kkumplikat, iżda l-Kummissjoni ttrattat dawn id-diffikultajiet sew u, bi ftit eċċezzjonijiet, irnexxielha tevita li tinterrompi l-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tal-UE. Minkejja dan, l-awditu identifika għadd ta' dgħufijiet fil-mod kif il-Kummissjoni ttrattat il-proċess ta' negozjar (il-paragrafi 17 sa 25).

86
Għall-kontinwità tal-attivitajiet tal-flotta Ewropea, il-Kummissjoni tista' tuża l-possibbiltà offruta bl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008 biex il-bastimenti jitħallew japplikaw mal-pajjiż terz ikkonċernat permezz tal-Kummissjoni għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd, filwaqt li jkunu qed jistennew li jiġi ffirmat protokoll imġedded. Madankollu, din il-possibbiltà regolatorja mhijiex konsistenti ma' rekwiżit regolatorju ieħor, jiġifieri "il-klawżola ta' esklussività", u l-applikazzjoni tiegħu wasslet għal nuqqas ta' ftehim bejn pajjiż sieħeb u l-Kummissjoni (il-paragrafi 22 u 23).

87
L-istrateġija tal-Kummissjoni li tkabbar in-netwerk tal-FPAs hija rilevanti għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-flotta tal-UE. Madankollu, għad hemm lok biex jittejbu l-komplementarjetà u l-konsistenza fost l-FPAs innegozjati fi ħdan l-istess reġjun, biex b'hekk jiġi mmassimizzat il-potenzjal tal-FPAs biex itejbu l-governanza tas-sajd fuq livell reġjonali (il-paragrafi 26 sa 28).

88
Wieħed mill-objettivi prinċipali tal-FPAs huwa li jiġu mistada stokkijiet eċċessivi biss. Madankollu, dan irriżulta li huwa diffiċli ħafna biex jiġi implimentat fil-prattika minħabba nuqqas ta' informazzjoni affidabbli dwar l-istokkijiet ta' ħut u dwar l-isforz tas-sajd min-naħa tal-flotot tas-sajd domestiċi, jew ta' flotot tas-sajd barranin oħra li wkoll ingħataw aċċess mill-pajjiżi sħab (il-paragrafi 29 sa 32).

**89**
L-ispiża tal-unità reali mħallsa għal tunnellata ta' ħut kienet frekwentement ogħla mill-prezz tal-unità nnegozjat. Filwaqt li n-negozjati qiesu l-qabdiet irrappurtati minn protokolli preċedenti, it-tunnellaġġ ta' referenza maqbul fil-protokolli l-aktar reċenti ta' spiss baqa' ogħla, u b'hekk regolarment ġew utilizzati b'mod insuffiċjenti. Madankollu, il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE trid titħallas bis-sħiħ irrispettivament mill-opportunitajiet tas-sajd użati. L-użu insuffiċjenti tal-protokolli u l-ispejjeż għoljin riżultanti, xi drabi, kienu attribwibbli għal klawżoli nnegozjati mal-pajjiżi sħab biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom jew biex jiżguraw is-sostenibbilta tal-attivitajiet tas-sajd (il-paragrafi 33 sa 46)..

**90**
L-utilità tal-evalwazzjonijiet *ex post* indipendenti bħala għajnuna għat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-proċess ta' negozjar huwa mxekkel minn informazzjoni inkompleta li qed tiġi pprovduta dwar ir-rati ta' utilizzazzjoni tal-protokolli, in-nuqqas ta' kumparabbiltà tagħhom u l-fatt li ma hemmx analiżi kritika tal-effettività tal-FPAs (il-paragrafi 48 sa 53).

## Rakkomandazzjoni 1
## Negozjar ta' FPAs

Għal protokolli u ftehimiet futuri, il-Kummissjoni għandha:

(a) tirrieżamina ftehimiet inattivi u tqis kif għandha tindirizza l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd imposti mill-klawżola ta' esklussività, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tal-Politika Komuni tas-Sajd. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tikkjarifika u tinkludi fil-protokolli dispożizzjonijiet xierqa biex tiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet tas-sajd bejn iż-żewġ protokolli;

(b) tiddefinixxi strateġiji reġjonali għall-iżvilupp ta' governanza tas-sajd u tiżgura li l-protokolli nnegozjati fi ħdan l-istess reġjun ikunu konsistenti mal-istrateġija reġjonali rilevanti u ma' fondi oħra tal-UE;

(c) meta tkun qed tinnegozja l-possibbiltajiet tas-sajd ta' protokolli ġodda, tqis ir-rati ta' utilizzazzjoni ta' protokolli preċedenti, u tistinka biex torbot aħjar il-pagamenti għad-drittijiet ta' aċċess mal-qabdiet reali, filwaqt li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd ma jiġux affettwati b'mod avvers;

(d) tanalizza aħjar l-impatt potenzjali ta' klawżoli tal-SFPA dwar l-użu tal-protokoll, filwaqt li tissalvagwardja l-benefiċċji reċiproċi għall-UE u l-pajjiżi sħab ikkonċernati, forsi billi tikkonsulta l-partijiet interessati rilevanti biex tidentifika fejn valutazzjonijiet aktar dettaljati ta' klawżoli kritiċi huma neċessarji;

(e) tiffoka aħjar l-evalwazzjonijiet *ex post* biex tikseb analiżi konsistenti u kumparabbli tar-redditu fuq il-flus pubbliċi minfuqa taħt il-protokolli kif ukoll analiżi komprensiva u kritika tal-effettività tagħhom għall-UE u għall-pajjiż sieħeb ikkonċernat.

**91**
L-awditu kkonkluda wkoll li l-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' aċċess u l-komponenti tal-appoġġ settorjali ma kinitx robusta b'mod suffiċjenti.

**92**
Il-proċess ta' ħruġ tal-liċenzji huwa twil u ingombranti, u t-tidwim jista' jikkumplika jew inaqqas l-attivitajiet tas-sajd tal-flotta. Madankollu, il-Kummissjoni ma għandhiex sistema ta' informazzjoni biex tgħinha żżomm rekord tad-diversi stadji tal-proċess ta' applikazzjoni għal-liċenzji, li jagħmilha aktar diffiċli biex jiġu identifikati r-raġunijiet għat-tidwim u l-oqsma għal titjib (il-paragrafi 55 sa 60).

**93**
Minkejja inizjattivi reċenti mill-Kummissjoni, kien hemm nuqqasijiet fil-ġestjoni tad-*data* dwar il-qabdiet tal-ħut, b'nuqqas ta' informazzjoni affidabbli, konsistenti u kompleta (il-paragrafi 61 sa 65).

## Rakkomandazzjoni 2 Ġestjoni tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-sajd

Il-Kummissjoni għandha, mingħajr tidwim:

(a) tistabbilixxi proċeduri biex timmonitorja kull wieħed mill-passi fil-proċess ta' ħruġ tal-liċenzji, inkluż iż-żmien meħud mill-Istati Membri, il-pajjiżi sħab, u s-servizzi tal-Kummissjoni, sabiex tidentifika u tagħmel segwitu għad-dgħufijiet fil-proċedura;

(b) tippromwovi l-aċċettazzjoni ta' liċenzji elettroniċi jew ta' lista ta' bastimenti awtorizzati għall-perjodu kollu ta' validità tal-liċenzji;

(c) tiżgura li l-bażi tad-*data* l-ġdida dwar il-qabdiet tintuża bis-sħiħ mill-Istati Membri tal-bandiera u tipprovdi *data* affidabbli dwar il-qabdiet li tista' tiġi kkonsolidata, immonitorjata u miżmuma aġġornata;

**94**
L-ippjanar ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-appoġġ settorjali tjieb gradwalment. Madankollu, ir-rwol tal-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan il-komponent għadu limitat. Kien hemm nuqqas ta' qafas ċar, mingħajr l-ebda regola ta' eliġibbilta u ta' traċċabbiltà jew rekwiżiti ta' rappurtar għall-azzjonijiet iffinanzjati. B'riżultat ta' dan, ġew identifikati każijiet fejn il-pajjiżi sħab implimentaw azzjonijiet differenti minn dawk ippjanati b'mod konġunt mal-Kummissjoni, u dan kien jimplika riskju sussegwenti għall-effettività tal-komponent tal-appoġġ settorjali (il-paragrafi 66 sa 76).

**95**

Fl-aħħar nett, il-protokolli jippermettu s-sospensjoni ta' pagamenti għall-appoġġ settorjali, iżda mhux għal tnaqqis fil-pagamenti abbażi ta' implimentazzjoni reali ta' azzjonijiet maqbula jew ir-riżultati miksuba. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet għall-pagament tal-appoġġ settorjali huma differenti minn dawk għall-appoġġ baġitarju taħt il-FEŻ, u xi drabi dan jista' jwassal għal inkonsistenzi tal-approċċ (il-paragrafi 78 sa 84).

### Rakkomandazzjoni 3 Ġestjoni tal-appoġġ settorjali

Il-Kummissjoni għandha, mingħajr tidwim:

(a) għal protokolli ġodda, tipproponi l-introduzzjoni ta' rekwiżiti tal-eliġibbiltà biex jiġu vvalutati azzjonijiet li qed jitqiesu għall-finanzjament tal-appoġġ settorjali (rekwiżiti oħra jistgħu jkunu relatati mat-traċċabbiltà, l-għażla, ir-rappurtar u l-kejl tal-prestazzjoni, u d-drittijiet ta' kontroll għall-Kummissjoni);

(b) tiżgura koordinazzjoni effettiva dwar is-suġġett tal-appoġġ settorjali tal-FPAs ma' sħab oħra għall-iżvilupp li huma attivi fis-settur tas-sajd;

(c) tiżgura li l-iżborżamenti tal-appoġġ settorjali jkunu konsistenti ma' pagamenti oħra għall-appoġġ baġitarju u bbażati fuq ir-riżultati miksubin mill-pajjiżi sħab fl-implimentazzjoni tal-matriċi ta' azzjonijiet maqbula komunement.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sur Augustyn KUBIK, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-15 ta' Lulju 2015.

*Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri*



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

## Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd: informazzjoni ulterjuri dwar in-negozjar u l-implimentazzjoni tagħhom

### Introduzzjoni

**01**
Fit-tfassil ta' FPAs, l-UE u l-pajjiżi sħab tagħha jinnegozjaw ftehim u l-protokolli ta' implimentazzjoni tiegħu. Dan il-ftehim jipprovdi qafas għal kooperazzjoni fuq terminu twil fis-settur tas-sajd, bl-inklużjoni tal-prinċipji u l-istandards ġenerali li jirregolaw l-aċċess għal bastimenti tal-UE biex jistadu f'ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-pajjiżi sħab. Il-protokolli jistipulaw termini u kundizzjonijiet dettaljati rigward, pereżempju, opportunitajiet u speċijiet tas-sajd, il-kontribuzzjoni finanzjarja (kemm għall-aċċess kif ukoll għall-appoġġ settorjali), il-livell ta' tariffi li għandhom jitħallsu mis-sidien tal-bastimenti, l-għadd u d-daqs ta' bastimenti awtorizzati għas-sajd, u ż-żoni speċifiċi li fihom huma għandhom il-permess jistadu.

### Responsabbiltajiet

**02**
L-FPAs huma mmaniġġjati ċentralment mill-Kummissjoni taħt arranġamenti ta' ġestjoni diretta. Il-Kunsill jagħti mandat lill-Kummissjoni, irrappreżentata mid-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd, biex tiftaħ negozjati f'isem l-UE għal kull ftehim ġdid jew tiġdid tal-protokolli. Mit-Trattat ta' Lisbona 'l hawn, il-ftehim u l-protokoll iridu jiġu konklużi mill-Kunsill bil-kunsens tal-Parlament Ewropew. Ladarba ftehim ikun fis-seħħ, il-protokolli jiġu ġeneralment innegozjati kull tliet sa sitt snin, kif maqbul mal-pajjiż sieħeb.

**03**
Ir-responsabbiltà għall-ġestjoni ta' kuljum tal-FPAs qiegħda f'idejn l-uffiċċji ċentrali tad-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd u s-sitt attachés għas-sajd responsabbli għas-segwitu u l-komunikazzjoni regolari mal-pajjiżi sħab.

**04**
Il-pajjiżi sħab huma responsabbli għall-osservazzjoni u l-infurzar ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni u għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi effettivi li bihom jistgħu jimmonitorjaw u jiċċekkjaw l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd. Madankollu, l-UE u l-Istati Membri tal-Bandiera[1] huma responsabbli li jeżerċitaw kontroll effettiv fuq il-bastimenti tagħhom u li jiżguraw li dawn jissodisfaw l-obbligi kollha tagħhom, partikolarment f'termini ta' ġbir tad-data dwar il-qabdiet u dwar il-VMS.

1 l-Istat tal-bandiera huwa l-Istat fejn il-bastiment huwa rreġistrat.

## Negozjar ta' FPAs

### 05

Il-proċess ta' negozjar jikkonsisti f'diversi fażijiet, iżda sabiex tiżgura l-kontinwità tal-attivitajiet tal-flotot, il-Kummissjoni trid tibda l-proċess ta' negozjar ta' protokoll ġdid sa mhux aktar tard minn bejn wieħed u ieħor sena qabel l-iskadenza ta' dak attwali. Wara inizjattiva mill-Kummissjoni, jingħata mandat mill-Kunsill, u mbagħad serje waħda jew aktar ta' negozjati jitwettqu bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż sieħeb. Fi tmiem dawn in-negozjati, il-ftehim jiġi inizjalat mill-Kummissjoni u mill-pajjiż sieħeb ikkonċernat, imbagħad jiġi approvat u ffirmat mill-Kunsill u mill-pajjiż sieħeb. Il-protokoll jista' mbagħad jiġu applikat proviżorjament, jekk il-partijiet jaqblu, qabel ir-ratifika formali tiegħu. Il-protokoll jiġi rratifikat mill-pajjiż sieħeb, u l-Parlament Ewropew jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-protokoll, li mbagħad jidħol fis-seħħ.

## Awtorizzazzjonijiet tas-sajd

### 06

Ir-Regolament dwar l-Awtorizzazzjonijiet tas-Sajd (KE) Nru 1006/2008 jeħtieġ li l-Kummissjoni żżomm bażi tad-*data* dwar il-liċenzji li fiha d-*data* tiġi aġġornata fuq bażi regolari mill-Istati Membri, li huma responsabbli li jiċċekkjaw l-eliġibbiltà tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji ppreżentati mill-operaturi. Sussegwentement, dawn l-applikazzjonijiet jingħaddu lill-Kummissjoni għal verifikazzjoni. Il-Kummissjoni tgħaddi l-applikazzjonijiet lill-pajjiżi sħab, permezz tad-Delegazzjoni. Ladarba l-pajjiż sieħeb ikun ħareġ l-awtorizzazzjoni, id-dokument oriġinali jintbagħat lura lill-operatur permezz tad-Delegazzjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

## Il-Kumitati Konġunti

### 07

Il-ftehimiet jipprevedu l-istabbiliment ta' Kumitat Konġunt biex jimmonitorja l-applikazzjoni ta' kull FPAs. Kull Kumitat Konġunt huwa magħmul minn rappreżentanti mill-Kummissjoni u mill-pajjiż sieħeb ikkonċernat, u huwa responsabbli li jimmonitorja l-prestazzjoni, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-FPAs, li jistabbilixxi l-programmi annwali u pluriennali għall-komponent tal-appoġġ settorjali u li jevalwa l-implimentazzjoni tagħhom, li jikkollega dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku f'rabta mas-sajd, li jaġixxi bħala forum għall-paċi ta' ħbiberija ta' kwalunkwe tilwim dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-FPAs, u li jivvaluta mill-ġdid, fejn meħtieġ, tal-livell ta' opportunitajiet tal-sajd u, konsegwentement, dak tal-kontribuzzjoni finanzjarja.

## L-attaché għas-sajd

**08**
L-attaché għas-sajd jirrappreżenta d-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd fil-pajjiżi sħab u għandu rwol dirett fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-protokolli. L-attaché għas-sajd jikkontribwixxi għat-tħejjija ta' negozjati u laqgħat tal-Kumitat Konġunt, iżomm kuntatt mal-awtoritajiet nazzjonali, jiċċekkja li d-dispożizzjonijiet tal-protokolli u l-appoġġ settorjali jiġu implimentati b'mod xieraq, jirrapporta lid-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd fuq bażi regolari, janalizza dokumenti u jieħu sehem fil-laqgħat xjentifiċi tal-RFMOs, jimmonitorja l-iżvilupp ta' kwistjonijiet relatati mal-politika tad-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd fuq livell internazzjonali, jimmonitorja l-attivitajiet ta' sħab oħra fis-settur tas-sajd u jħejji fajls aġġornati tal-proġetti għall-proġetti kollha ffinanzjati mill-UE.

**09**
Attwalment, id-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd għandu sitt attachés għas-sajd, wieħed fir-reġjun tal-Oċean Indjan[2], erbgħa fir-reġjun tal-Afrika tal-Punent (Atlantiku Ċentrali)[3], u ieħor b'responsabbilta għar-reġjun tal-Oċean Paċifiku u għal Kiribati b'mod partikolari.

## Monitoraġġ mill-Istati Membri

**10**
L-Istati Membri jimmonitorjaw l-attivitajiet tal-flotot tagħhom u l-legalità ta' attivitajiet bħal dawn permezz taċ-ċentri tal-monitoraġġ tas-sajd tagħhom. Huma wkoll jagħmlu segwitu għall-qabdiet tal-flotot tagħhom permezz tas-sistema ERS. L-Istati Membri jibagħtu din id-*data* dwar il-qabdiet lill-Kummissjoni flimkien mal-informazzjoni dwar iż-żoni tas-sajd ipprovduta mill-VMS. Fil-każ tal-protokolli dwar it-tonn, l-istituti xjentifiċi tal-Istati Membri jivvalidaw il-qabdiet annwali wara tmiem is-sena skont il-proċeduri xjentifiċi proprji tagħhom. Il-qabdiet ikkonsolidati annwali jintużaw għar-rapport finali tat-tariffi diskussi mal-pajjiżi sħab, għal diskussjonijiet dwar l-utilizzazzjoni tal-FPAs mal-pajjiżi sħab u għal pagamenti fejn jinqabeż it-tunnellaġġ ta' referenza, skont il-kundizzjonijiet tal-protokoll. Il-qabdiet annwali vvalidati jintbagħtu wkoll lill-RFMO rilevanti, biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' rappurtar tal-UE.

2 Dan l-attaché għas-sajd jaħdem fid-Delegazzjoni f'Mauritius u huwa responsabbli għall-ħames ftehimiet fl-Oċean Indjan (Comoros, il-Mozambique, Mauritius, Madagascar u s-Seychelles).

3 Wieħed huwa responsabbli għal Cape Verde, il-Kosta tal-Avorju, is-Senegal u l-Guinea-Bissau, ieħor għal Sao Tome u Principe u l-Gabon, ieħor għall-Mauritania u r-raba' wieħed għall-Marokk.

## Anness II

# Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ għall-2015

| Pajjiż | Speċi | Perjodu | Total tal-kontribuzzjoni mill-UE (euro) | Appoġġ settorjali (euro) | Dritt ta' aċċess (euro) | Tunnellaġġ ta' referenza (Tn) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Cape Verde[1] | Tonn | Applikazzjoni proviżorja mill- 23.12.2014 23.12.2014 - 22.12.2018 | 525 000 | 262 500 | 262 500 | 5 000 u Għadd ta' bastimenti |
| Comoros | Tonn | 1.1.2014 - 1.1.2017 | 600 000 | 300 000 | 300 000 | 6 000 |
| Il-Kosta tal-Avorju | Tonn | 1.7.2013 - 30.6.2018 | 680 000 | 257 500 | 422 500 | 6 500 |
| Il-Gabon | Tonn | 24.7.2013 - 23.7.2016 | 1 350 000 | 450 000 | 900 000 | 20 000 |
| Greenland | Ftehim imħallat | 1.1.2013 - 31.12.2015 | 17 847 244 | 2 743 041 | 15 104 203 | Merluzz 2 200 Redfish Pelaġiku 3000 Redfish Demersali 2 000 Ħalibatt ta' Greenland — il-Punent 2 500 Ħalibatt ta' Greenland — il-Lvant 4 315 Gambli — il-Punent 3 400 Gambli — il-Lvant 7 500 Ħalibatt tal-Atlantiku — il-Punent 200 Ħalibatt tal-Atlantiku — il-Lvant 200 Kapelin 60 000 Snowcrab 250 Grenadier spp. — il-Punent 100 Grenadier spp. — il-Lvant 100 |
| Il-Guinea-Bissau | Ftehim imħallat | 24.11.2014 - 23.11.2017 | 9 200 000 | 3 000 000 | 6 200 000 | Gambli, demersali, ċefalopodi u tonn L-ebda tunnellaġġ ta' referenza. Għadd ta' bastimenti u kapaċità globali tas-sajd biss |
| Kiribati | Tonn | 16.9.2012 - 15.9.2015 | 1 325 000 | 350 000 | 975 000 | 15 000 |
| Madagascar | Tonn | 1.1.2015 - 31.12.2018 | 1 566 250 | 700 000 | 866 250 | 15.750 |
| Mauritius | Tonn | 28.1.2014 - 27.1.2017 | 660 000 | 302 500 | 357 500 | 5 500 |
| Il-Marokk | Ftehim imħallat | 15.7.2014 - 14.7.2018 | 30 000 000 | 14 000 000 | 16 000 000 | Ħut pelaġiku, demersali u tonn 80 000 ħuta pelaġika. Għall-oħrajn: L-ebda tunnellaġġ ta' referenza. Għadd ta' bastimenti u kapaċità kumplessiva tas-sajd biss |
| Il-Mozambique | Tonn | 1.2.2012 - 31.1.2015 | 980 000 | 460 000 | 520 000 | 8 000 |
| São Tomé u Principe | Tonn | 23.5.2014 - 22.5.2018 | 710 000 | 325 000 | 385 000 | 7 000 |
| Is-Senegal[1] | Tonn | 20.11.2014 - 19.11.2019 | 1 738 000 | 750 000 | 988 000 | 14 000 |
| Is-Seychelles[1] | Tonn | 18.1.2014 - 17.1.2020 | 5 116 666 | 2 533 333 | 2 583 333 | 50 000 |
| **Total ta' pagamenti annwali** | | | **72 298 160** | **26 433 874** | **45 864 286** | |
| **L-aħħar protokolli ma' pajjiżi li n-negozjati magħhom iddewmu** | | | | | | |
| Il-Mauritania[2] | Ftehim imħallat | 16.12.2012 - 15.12.2014 | 70 000 000 | 3 000 000 | 67 000 000 | Krustaċji 5 000 (kwota) Merluzz iswed 4 000 (kwota) Speċijiet demersali li ma jinkludix merluzz iswed b'tagħmir li ma jinkludix xbieki tat-tkarkir 2 500 (kwota) Bastimenti tat-tkarkir bil-friża għat-tonn 5 000 bastimenti bil-qasab u x-xlief għas-sajd tat-tonn u bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ 10 000 bastimenti tat-tkarkir bil-friża għas-sajd pelaġiku 285 000 (kwota) Sajd għall-granċi 200 (kwota) bastimenti tas-sajd tal-ħut pelaġiku mingħajr friża 15000 (kwota) |
| Il-Mozambique | Tonn | 1.2.2012 - 31.1.2015 | 980 000 | 460 000 | 520 000 | 8 000 |

1 Il-kontribuzzjoni finanzjarja għad-drittijiet ta' aċċess ġiet kkalkolata bħala medja tal-pagamenti annwali.

2 Negozjati bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Mauritania, fid-dawl tal-istabbiliment ta' protokoll ġdid, ġew konklużi b'suċċess fl-10 ta' Lulju 2015. Dan il-protokoll fuq erba' snin jammonta għal EUR 59.125 miljun kull sena, u għadu jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Kunsill u l-kunsens tal-Parlament Ewropew.

*Sors:* Is-sit web tad-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd u r-Regolament.

## Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd




**Ftehim Imħallat**

Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ għall-2015:
Greenland, il-Guinea-Bissau, il-Marokk

**Ftehim dwar it-Tonn**

Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ għall-2015:
Cape Verde, Comoros, il-Kosta tal-Avorju, il-Gabon, Kiribati, Madagascar, Mauritius, São Tomé u Príncipe, is-Senegal, is-Seychelles.

**u**

Pajjiżi bi ftehimiet iżda l-ebda protokoll fis-seħħ:

Il-Guinea Ekwatorjali, il-Gambja, il-Mauritania[1], il-Mikroneżja, il-Mozambique, il-Gżejjer Solomon.

[1] Negozjati bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Mauritania, fid-dawl tal-istabbiliment ta' protokoll ġdid, ġew konklużi b'suċċess fl-10 ta' Lulju 2015. Dan il-protokoll fuq erba' snin jammonta għal EUR 59.125 miljun kull sena, u għadu jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Kunsill u l-kunsens tal-Parlament Ewropew.

ilmijiet tal-UE

Ftehimiet tat-Tramuntana

| Pajjiż | |
|---|---|
| Tip ta' ftehim | Kontribuzzjoni mill-UE għall-2015 f'miljun EUR |

| Pajjiż (ftehim inattiv) | |
|---|---|
| Tip ta' ftehim | - |

*Sors:* Mappa bbażata fuq l-Istitut tal-Baħar tal-Fjandri, 2015. MarineRegions.org. *Data* aċċessata fuq http://www.marineregions.org fl-20-04-2015.

# Risposta tal-Kummissjoni



## Sommarju eżekuttiv

### I

Skont ir-Riforma reċenti tal-PKS, il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli, huma primarjament għodda għat-titjib tal-governanza tas-sajd fiż-żona ekonomika esklussiva ta' pajjiżi li huma stati kostali sħab, abbażi tal-istess prinċipju bħal dawk applikati fl-UE. Din bil-għan li jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi, filwaqt li fl-istess ħin jingħata appoġġ lill-kapaċità ta' sħabna li jiżviluppaw settur tas-sajd.

Il-Ftehimiet huma bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, huma kompletament trasparenti u non-diskriminatorji. Dawn il-prinċipji huma mnaqqxa fil-protokolli tal-FSS li ġew innegozjati reċentement. Il-Protokolli ġew innegozjati bl-għan li jimmassimizzaw il-valur tal-flus li jitħallsu għall-aċċess għaż-żoni tas-sajd tas-sħab u l-forniment tal-appoġġ settorjali.

### Tweġiba għat-III u l-IV

In-negozjati tal-protokolli tal-FSS jiddependu minn sensiela ta' fatturi, li ħafna minnhom huma barra mill-kontroll tal-Kummissjoni. Hemm regoli li jridu jiġu segwiti li jinvolvu Istituzzjonijiet tal-UE oħrajn jiġifieri l-Kunsill u l-Parlament. Il-ħin kumplessiv tal-proċess tan-negozjati huwa wkoll dipendenti ħafna mill-proċeduri ta' adozzjoni interni tal-pajjiż terz sieħeb.

Meta kien hemm interruzzjonijiet, dawn kienu ġeneralment għal żmien qasir u ma laqtux l-attivitajiet tas-sajd tal-operazzjonijiet tal-flotta tal-UE.

### V

Dan ir-reġim tranżitorju huwa bbażat fuq l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008 li jiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet tas-sajd għal perjodu ta' żmien limitat ta' sitt xhur, f'sitwazzjoni fejn Protokoll ikun sar bi qbil bejn l-UE u l-pajjiż sieħeb, imma l-Protokoll għadu mhux qed jiġi applikat provviżorjament. Liċenzji tranżitorji bħal dawn li jingħataw fuq bażi strettament volontarja mill-pajjiż sieħeb fuq talba mill-Kummissjoni għandhom jitqiesu xorta bħala liċenzji mogħtija skont il-Ftehim ewlieni (għalkemm fin-nuqqas ta' protokoll) u għalhekk ma jmorrux kontra l-klawżola ta' esklużività (kuntrarjament għal "liċenzji purament privati" li jkunu skont kif spjegat mill-Qorti fil-kawża C-565/13).

### VI

Meta applikabbli, dan il-kunċett jimplika li l-għanijiet tal-ġestjoni, il-miżuri tal-ġestjoni u l-kondiviżjoni ta' għodod stabbiliti mill-Istat kostali flimkien mal-partijiet ikkonċernati differenti huma speċifikati b'mod ċar u magħrufa sew, bħalma hu l-każ tal-Ftehimiet ma' Greenland, mal-Marokk, mal-Mauritania u mal-Guinea-Bissau.

Rigward il-Ftehimiet dwar it-Tonn, l-opportunitajiet ta' sajd huma stabbiliti fuq il-bażi tal-għanijiet ta' ġestjoni u l-miżuri adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (ORGS) li għandhom il-mandat li jwettqu dawn il-kompiti fuq bażi reġjonali, u huma appoġġati mill-ħidma u l-pariri tal-ORGS.

### VII

Il-Kummissjoni tqis il-livell tal-utilizzazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fl-imgħoddi, il-fatturi esterni li jista' jkollhom impatt fuq it-teħid tal-opportunitajiet tas-sajd skont id-disponibilità u l-varjabbiltà tal-ħut maqbuda.

Il-livelli ta' referenza tal-ħut maqbuda ffissati fil-protokolli tal-FSS dwar it-tonn – li mhumiex limiti għall-ammont ta' ħut maqbuda – huma bbażati fuq qabdiet ta' ħut irrapportati preċedentement mill-flotot tas-sajd tal-UE. It-tunnellaġġ ta' referenza maqbul fil-Protokolli rispettivi, prerekwiżit essenzjali għal sħabna, jipprovdi l-bażi ġuridika għall-ħlas tal-kontribut tal-UE għall-aċċess. Madankollu dawn il-livelli ta' referenza għall-qabdiet iridu jqisu wkoll il-varjabbiltà interannwali għolja ta' qabdiet fiż-żoni differenti, minħabba l-varjabbiltà tad-distribuzzjoni u l-abbundanza ta' speċijiet li jemigraw ħafna fuq bażi annwali.

Rigward ir-rabta bejn is-sottoutilizzazzjoni possibbli tal-possibilitajiet ta' sajd u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni teknika (MKT) iktar limitattivi, irid jiġi mfakkar li dawn il-MKT huma maqbula bejn iż-żewġ partijiet biex jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet differenti, biex jitnaqqas l-impatt fuq l-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi marini u biex jiġu evitati kunflitti bejn flotot industrijali barranin lil hinn mill-kosta u sajjieda artiġjanali qrib il-kosta tal-Istat kostali.

Miżuri ta' konservazzjoni teknika huma f'ħafna każijiet, imnaqqxa fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiżi sħab u għalhekk mhumiex negozzjabbli. Dawn iridu jiġu inkorporati fil-FSSS.

Il-prinċipju ta' ħlas tal-kontribuzzjoni tal-aċċess bil-quddiem mingħand l-UE jipprovdi dħul stabbli għall-pajjiż sieħeb, li jagħmel il-FSSS għodod ta' governanza attraenti.

### VIII

Il-Kummissjoni kienet konxja bil-problemi ta' kumparabbiltà fil-metodoloġija applikata mill-konsulenti indipendenti fit-twettiq tal-evalwazzjonijiet. Wara l-awditjar intern u fuq il-bażi tal-linji gwida li rriżultaw minn dan l-awditjar, il-Kummissjoni stabbiliet mudell komuni għat-Termini ta' Referenza għall-evalwazzjonijiet li riedu jitwettqu fil-kuntest tal-FSSS. Metodoloġija komuni unika relatata mal-valutazzjoni tal-impatti ekonomiċi tal-FSS kienet maqbula u implimentata mill-bidu tal-2015.

### IX

F'dawn l-aħħar snin il-Kummissjoni daħlet fi proċess ta' tfassil mill-ġdid tal-għodod tal-IT tagħha u nediet l-hekk imsejjaħ "Proġett ta' Liċenzja tal-IT" fil-bidu tal-2013 li se jirreġistra kemm it-trażmissjoni u kemm is-segwitu għall-awtorizzazzjonijiet, b'mod diġitali. L-għodod tal-IT eżistenti jippermettu lill-Kummissjoni tiġġestixxi aħjar il-proċeduri relatati mal-applikazzjonijiet u l-konċessjonijiet tal-awtorizzazzjoni għas-sajd, mill-introduzzjoni tat-talba kompluta mill-Istat Membru sal-konċessjoni tal-awtorizzazzjoni mill-pajjiż terz.

### X

Il-Kummissjoni ilha mill-2011 tiżviluppa proċeduri ġodda ta' trażmissjoni tad-dejta u bażijiet ta' dejta ġodda, partikolarment l-hekk imsejħa "DataWare-House", biex ikun hemm monitoraġġ aħjar u iktar xieraq tal-qabdiet kollha li jsiru mill-bastimenti tas-sajd tal-UE. Dan kien disponibbli fi tmiem l-2013 u sar progressivament operattiv tul l-2014 skont il-kapaċità tal-Istati Membri li jimplimentaw is-sistema. Meta ġew identifikati kwistjonijiet speċifiċi dawn ġew diskussi mal-Istati Membri.

### XI

Il-linji gwida stabbiliti mis-servizzi tal-Kummissjoni fl-2013 u aġġornati fl-2014 għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali jistabbilixxu l-prinċipji li jridu jiġu segwiti għad-definizzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ settorjali u regoli speċifiċi rigward ir-rekwiżiti ta' rappurtar. Dan jippermetti aġġustamenti għall-programm li jkunu maqbula mill-Kumitat Konġunt.

Dawn il-linji gwida ġew ikkomplementati fi Protokolli reċenti permezz tal-introduzzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ settorjali.

Dawn jirrikjedu, fost affarijiet oħra, l-iżvilupp u l-qbil dwar matriċi ta' attivitajiet li jridu jiġu ffinanzjari mill-appoġġ settorjali li jidentifikaw biċ-ċar l-azzjonijiet li jridu jiġu appoġġati, il-miri u r-riżultati miksuba.

Il-matriċi tiġi eżaminata regolarment mill-Kumitat Konġunt u mmonitorjata mill-Attaché tas-Sajd biex jiżgura li l-programm tal-matriċi ikun qed jiġi rispettat.

### XII

Wara l-PKS il-ġdida adottata fl-2013, inkluż id-diżakkoppjament tal-ħlasijiet ta' appoġġ settorjali minn dawk relatati mad-drittijiet ta' aċċess, u l-kundizzjonalità relatata magħhom, ħlasijiet ta' appoġġ settorjali issa huma marbuta direttament mal-prestazzjoni u l-utilizzazzjoni tal-appoġġ settorjali.

Appoġġ settorjali pprovdut mill-FSSS huwa pprovdut fuq il-bażi ta' għadd limitat ta' azzjonijiet speċifiċi proposti mill-pajjiż sieħeb u mhux fuq approċċ sistemiku bħall-FEŻ, li, fost affarijiet oħra, jipprovdi appoġġ baġitarju. Barra minn hekk, appoġġ settorjali ġeneralment ikun inqas minn dak ipprovdut mill-FEŻ.

Hemm dispożizzjonijiet previsti għar-reviżjoni tal-appoġġ settorjali fil-Kumitat Konġunt għall-każijiet fejn il-pajjiż sieħeb jitlob ir-riallokazzjoni tal-fondi fil-programm b'ġustifikazzjoni xierqa jew, jekk ikun hemm bżonn, is-sospensjoni ta' ħlasijiet settorjali sakemm issir l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-appoġġ settorjali.

### XIII (a)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

### XIII (b)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u bdiet l-implimentazzjoni tagħha.

### XIII (c)
Il-Kummissjoni tista’ taċċetta din ir-rakkomandazzjoni, li l-implimentazzjoni tagħha hija suġġetta għan-negozjati u l-qbil kemm tal-UE kif ukoll tal-pajjiż terz ikkonċernat;

### XIII (d)
Il-Kummissjoni tista’ taċċetta r-Rakkomandazzjoni, diġà bdiet il-proċess ta’ konsultazzjoni mal-partijiet kkonċernati.

### XIII (e)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni..

F’Diċ. 2014 ġiet ippreżentata metodoloġija ġdida lill-Kummissjoni u din ġiet aċċettata f’Jan. 2015. Din se tipprovdi bażi komuni għat-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-impatti ekonomiċi tal-Protokolli, li se jitwettqu qabel negozjoti futuri. Ladarba din il-metodolġija tkun applikata sistematikament hija tkun it-tweġiba kompluta għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.

### XIII (f)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li diġà qed tieħu l-passi neċessarji biex tirrettifika din is-sitwazzjoni.

F’dawn l-aħħar snin il-Kummissjoni daħlet fi proċess ta’ tfassil mill-ġdid tal-għodod tal-IT tagħha u nediet l-hekk imsejjaħ “Proġett ta’ Liċenzja tal-IT” biex jirreġistra kemm it-trażmissjoni u kemm is-segwitu għall-awtorizzazzjonijiet, b’mod diġitali.

### XIII (g)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li diġà qed tieħu l-passi neċessarji biex tirrettifika din is-sitwazzjoni.

Matul in-negozjati għat-tiġdid tal-Protokolli, il-Kummissjoni tippromwovi attivament l-użu ta’ liċenzji elettroniċi għall-bastimenti tal-UE.

### XIII (h)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li diġà qed tieħu l-passi neċessarji biex tirrettifika din is-sitwazzjoni.

Il-Kummissjoni qiegħda f’kuntatt kostanti mal-Istati Membri biex jissolvew il-kwistjonijiet tekniċi kollha.

### XIII (i)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li ġiet parzjalment implimentata billi stabbiliet linji gwida speċifiċi għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ settorjali u l-Kummissjoni se tieħu l-passi neċessarji għall-implimentazzjoni sħiħa imma dan huwa suġġett għan-negozjati ma’ pajjiżi terzi.

### XIII (j)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li kienet parzjalment implimentata.

Il-PKS il-ġdida għamlet il-”konsistenza ma’ politiki oħrajn tal-Unjoni” wieħed mill-prinċipji ta’ governanza tajba (l-Artikolu 3(h) tar-Regolament UE Nru 1380/2013. Fuq dik il-bażi, l-aspetti tas-sajd qegħdin jingħataw dejjem iktar importanza fil-politika tal-iżvilupp.

### XIII (k)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li qiegħda tiġi parzjalment implimentata.

L-iżborżi jitqiesu fil-kuntest tal-Kumitat Konġunt ta’ kull FSS fuq bażi annwali. Jekk il-Kumitat Konġunt ikun ra u qabel li ma kienx hemm utilizzazzjoni adegwata tal-finanzjament ipprovdut, il-ħlas għall-kontribuzzjoni tal-appoġġ settorjali għas-snin ta’ wara jista’ jkun sospiż.

## Osservazzjonijiet

**21**
Fil-każ tal-Mauritania, ma kien hemm l-ebda interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd bejn il-Protokolli tal-2008-2012 u tal-2013-14.

**22**
B'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament dwar l-Attivitajiet tas-Sajd, l-awtoritajiet Mawritanjani aċċettaw li joħorġu liċenzji għall-applikazzjonijiet li jkunu ntbagħtulhom. Li kieku s-sidien tal-vapuri tal-UE kellhom jitolbu li jinħarġulhom liċenzji għal kategoriji tas-sajd oħrajn dawn kienu jkunu jistgħu jinħarġu għal dawn il-kategoriji l-oħrajn tas-sajd. Madankollu, ma waslet l-ebda talba mis-sidien tal-vapuri matul dak iż-żmien.

**23**
Is-soluzzjoni nnegozjata mal-Mauritania f'Lulju 2014 hija kompromess għall-kwistjoni ta' data ta' skadenza u ġie aċċettat mill-Kummissjoni bil-kunsens tal-Istati Membri kkonċernati.

**24**
Il-possibilità ta' għoti ta' kumpens għall-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd ġejja mir-Regolament dwar il-FES (Fond Ewropew tas-Sajd). Diġà hemm ammont fil-baġit tal-UE maħsub għal dawn l-ammonti kumpensatorji, għalhekk ma jkun hemm l-ebda nefqa addizzjonali għall-UE.

**28**
Il-PKS il-ġdida għamlet il-"konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni" wieħed mill-prinċipji ta' governanza tajba (l-Artikolu 3(h) tar-Regolament UE Nru 1380/2013.

Kooperazzjoni msaħħa mad-DĠ DEVCO, kemm fil-livell tal-maniġment superjuri kif ukoll fil-livelli iktar baxxi, se tiżgura li jkun hemm użu effiċjenti tal-appoġġ finanzjarju pprovdut mill-UE, jew permezz ta' FSSS jew FEŻ, u mingħand donaturi oħrajn.

L-appoġġ settorjali tal-UE huwa pprovdut fost l-oħrajn biex jassisti fit-titjib tal-governanza fil-livell nazzjonali, filwaqt li l-finanzjament ipprovdut mill-IOC fil-livell reġjonali mill-FEŻ għandu l-għan li jiżviluppa ulterjorment il-kooperazzjoni reġjonali. L-Attaché tas-Sajd fid-Delegazzjoni tal-UE *in situ*, fil-kuntatti regolari tiegħu mal-IOC, jikkontribwixxi wkoll għall-iżgurar tal-komplementarjetà tal-azzjonijiet iffinanzjati.

**31**
Permezz tal-FSS u b'mod iktar partikolari permezz tal-appoġġ settorjali, l-UE tipprova wkoll issaħħaħ proċess xjentifiku dwar l-istokkijiet, is-sajd u l-valutazzjonijiet tal-miżuri ta' ġestjoni bejn l-UE u x-xjenzati tal-pajjiżi sħab permezz tal-Kumitati Xjentifiċi Konġunti f'FSSS imħalltin u tappoġġa wkoll il-parteċipazzjoni tax-xjenzati u l-maniġers tal-pajjiżi sħab fil-laqgħat tal-ORGS fil-kuntest tal-FSSS tat-tonn.

Għall-ftehimiet dwar it-tonn, il-protokolli għandu jagħti drittijiet ta' aċċess biss jekk ikunu konformi mal-prinċipji tal-ġestjoni espressi fl-UNCLOS. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tiżgura li l-FSS jirriflettu r-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (ORGS) dwar l-istat tal-istokkijiet tal-ħut.

Għal Ftehimiet imħalltin, il-Kumitat Xjentifiku Konġunt jirrevedi regolarment l-informazzjoni rilevanti u disponibbli kollha dwar il-qabdiet, l-isforz u l-istatus tal-istokk tas-sajd relatat mal-protokolli tal-FSSS.

Skont l-Artikolu 61 tal-UNCLOS, anke jekk stat kostali jiddetermina l-eċċess, l-UE u l-Istat tal-bandiera jġorru wkoll ir-responsabbiltà li ma jkunx hemm sajd żejjed. Għal din ir-raġuni, l-UE għandha l-għan li tikseb trasparenza sħiħa fl-opportunitajiet tas-sajd u l-objettivi tal-ġestjoni. Il-kunċett ta' eċċess ma jfissirx madankollu li jrid jiġi adottat qafas ta' ġestjoni bbażata fuq limiti fuq il-qabdiet. Ir-rata ta' mortalità mis-sajd tista' fil-fatt tkun ristretta permezz ta' tipi oħra ta' miżuri, bħal limiti tal-kapaċità, limiti tal-isforzi, eċċ.

32
Il-mortalità mis-sajd hija limitata mil-limiti tal-kapaċità li ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-pjanijiet tal-iżvilupp tal-flotta tal-Partijiet fl-IOTC u l-livelli ta' kapaċità relatati mal-UE huma rrispettati fil-Protokolli.

## Tweġiba għat-33-34

Fin-negozjati reċenti kollha, il-kwistjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba u valur għall-flus kellhom parti ewlenija fl-iżvilupp tan-negozjati. Dan huwa rifless fir-ristrutturazzjoni tal-komponent finanzjarju li biha issa l-industrija jkollha sehem ikbar mill-piż finanzjarju tal-ħlasijiet għall-aċċess mingħand l-UE.

39
L-informazzjoni pprovduta fil-valutazzjoni turi wkoll li l-valur miżjud dirett għall-benefiċjarji kollha naqas biss bi ftit fil-Protokoll 2013-2014 meta mqabbel mal-protokoll preċedenti (minn 0,86 għal 0,8) b'riekwilibrazzjoni tal-benefiċċju tal-valur miżjud favur il-Mauritania.

Dan għandu jkun ikkundizzjonat mill-fatt li l-valutazzjoni kopriet perjodu ta' 11-il xahar biss mis-sentejn ta' dan il-Protokoll, li kkoinċida ma' perjodu ta' utilizzazzjoni baxxa. Barra minn hekk, ta' min jinnota wkoll il-volatilità għolja fil-prezzijiet tas-suq għall-pelaġiċi ż-żgħar, li kjarament tinfluwenza l-istimi tal-valur miżjud. Għal dawn ir-raġunijiet, il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni għandhom jiġu ttrattati bir-reqqa.

40
In-negozjati mal-Mauritania għal protokoll suċċessur ġew sospiżi għal dik ir-raġuni.

41
Matul in-negozjati mal-Mozambique għall-protokoll il-ġdid, dawn il-kundizzjonijiet tekniċi ġew aċċettati mill-Istati Membri meta tqis li l-Kummissjoni saħansitra kisbet deroga mil-leġiżlazzjoni nazzjonali (trid tiġi spezzjonata 1/3 tal-flotta minflok kollha kemm hi) bil-ħsieb tal-massimizzazzjoni tal-utilizzazzjoni tal-Protokoll.

46
L-appoġġ baġitarju tal-FSSS u l-FEŻ huma differenti fin-natura tagħhom u jiġu nnegozjati separatament. Il-kalendarju għan-negozjati għall-appoġġ mill-FEŻ u l-FSSS fil-fatt rarament jikkoinċidu. Il-programmazzjoni tal-FEŻ tiġi diskussa kull 7 snin filwaqt li l-FSSS kellha dewmien medju ta' 3-4 snin.

Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li dan ma jaffettwax il-pożizzjoni tal-Kummissjoni waqt in-negozjati tal-FSSS.

Kumplessivament, hemm koerenza u konsistenza fl-approċċi meħuda fir-rigward tal-pajjiżi sħabna.

49
Il-Kummissjoni sserraħ fuq dejta pprovduta mill-Istati Membri kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-UE. Diskrepanzi li jistgħu jiġru jiġu solvuti permezz tas-sistema ċentralizzata l-ġdida ta' rappurtar tal-qabdiet. Id-disponibilità tad-dejta se titjieb bit-tqabbil tal-qabdiet irrappurtati mat-tunnellaġġ ta' referenza stabbilit mill-protokoll fuq bażi kostanti.

50
Id-dewmien qasir tal-Protokoll qabel ir-riforma tal-PKS kien biex jippermetti t-tranżizzjoni għall-implimentazzjoni tal-PKS il-ġdida. Issa li din daħlet fis-seħħ, għandu jkun hemm Protokolli b'dewmien itwal, b'medja ta' 4 sa 5 snin.

**52**
Billi l-objettivi tal-PKS fir-rigward tal-FSS ma jipprevedux l-impatt tagħhom fuq ir-reġjuni tal-UE u lanqas fuq il-provvistà tal-ħut fis-suq tal-UE, mhux mistenni li jkun hemm evalwazzjoni ta' dawn l-aspetti.

Fil- bidu tal-2015, il-konsulenti mqabbda mill-Kummissjoni biex iwettqu evalwazzjoni tal-FSSS żviluppaw u qablu fuq metodu komuni u omoġenju għall-valutazzjoni tal-impatti ekonomiċi fil-kuntest tal-FSSS mas-servizzi tal-Kummissjoni.

**57**
Il-proċedura ta' verifika mill-Kummissjoni tirrispetta bis-sħiħ id-dispożizzjoni tal-Protokoll applikabbli.

Il-Kummissjoni bħalissa qed toħloq sistema ġdida li se tirreġistra kemm it-trażmissjoni tal-awtorizzazzjonijiet u kemm is-segwitu tagħhom, kollha b'mod diġitali (il-proġett LICENCE) u dan jippermettu lill-Kummissjoni tiġġestixxi aħjar partijiet mill-proċeduri relatati mal-applikazzjonijiet u l-konċessjonijiet tal-awtorizzazzjoni għas-sajd, mill-introduzzjoni tat-talba kompluta mill-Istati Membri sal-konċessjoni tal-awtorizzazzjoni mill-pajjiż terz.

**58**
Il-forma tat-trażmissjoni ta' talbiet għal awtorizzazzjonijiet jiddependi ħafna mid-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż sieħeb kif ukoll il-kapaċità umana u amministrattiva rispettiva tagħhom.

**59**
Għall-Mauritania, id-Delegazzjoni tal-UE qed timmonitorizza mill-qrib il-proċedura ta' liċenzjar u qiegħda f'kuntatt kostanti mas-servizzi kompetenti tal-Mauritania biex tiżgura li d-dewmien ikun imminimizzat. Barra minn hekk, il-proċess huwa ffaċilitat mill-eżistenza ta' aġenti li jirrappreżentaw lis-sidien tal-vapuri mal-awtoritajiet lokali.

**60**
Is-sistema tal-IT attwali tippermetti lill-Kummissjoni tirrintraċċa applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għas-sajd ladarba jintbagħtu mimlija mill-Istat tal-Bandiera rilevanti. L-għan tal-proġett mibdi fil-bidu tal-2013 għat-titjib tal-proċess, imsejjaħ "Proġett ta' Liċenzja tal-IT" se jippermetti monitoraġġ aħjar tal-proċeduri assoċjati mal-applikazzjonijiet u l-konċessjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet għas-sajd. Sadattant, il-Kummissjoni bħalissa qed tirrevedi l-proċeduri interni kollha tagħha.

**62**
Id-dispożizzjonijiet ta' rrappurtar fil-Leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti huma rrispettati u l-Kummissjoni żomm ir-reġistri xierqa. Barra minn hekk, qiegħda fil-proċess ta' żvilupp tal-għodod tal-IT neċessarji għall-ħolqien tal-bażi ta' dejta tal-qabdiet.

**63**
Il-Kummissjoni ilha mill-2011 tiżviluppa proċeduri ġodda ta' trażmissjoni tad-dejta u bażijiet ta' dejta ġodda, partikolarment l-hekk imsejħa "DataWareHouse", biex ikun hemm monitoraġġ aħjar u iktar xieraq tal-qabdiet kollha li jsiru mill-bastimenti tas-sajd tal-UE. Dan kien disponibbli fi tmiem l-2013 u sar progressivament operattiv tul l-2014 skont il-kapaċità tal-Istati Membri li jimplimentaw is-sistema. Meta ġew identifikati kwistjonijiet speċifiċi dawn ġew diskussi mal-Istati Membri.

**65**
Il-Kummissjoni diġà identifikat din il-kwistjoni u bħalissa qed taħdem mal-Istati Membri, l-istituti tar-riċerka fis-sajd u pajjiżi terzi biex jaqblu dwar metodoloġiji komuni u kondiviżi għall-ivvalutar tal-qabdiet li jsiru fl-ilmijiet koperti mill-FSS.

Għalkemm seta' kien hemm riskju potenzjali li jinġarrbu spejjeż addizzjonali għall-UE, dan ma kienx il-każ għall-Oċean Indjan fejn il-qabdiet ma kienu jaqbżu t-tunnellaġġ ta' referenza fl-ebda wieħed mill-Ftehimiet li qed jiġu riveduti mill-Qorti ħlief l-MDG fl-2005 u l-2007.

**68**
Ara t-tweġiba għall-Punt XI tas-Sommarju Eżekuttiv.

**69**
Meta jkun possibbli fil-pajjiżi fejn ikunu attivi bosta donaturi, l-UE organizzat laqgħat ta' koordinament mal-atturi tal-iżvilupp l-oħrajn (cf. il-Mauritania u iktar reċentement fil-Mozambique). L-attaché tas-sajd jieħu sehem fil-laqgħat ta' koordinament. Hemm komunikazzjoni attiva bejn it-taqsimiet differenti tad-Delegazzjoni involuta fl-iżvilupp tal-kooperazzjoni.

L-għażla tal-prijoritajiet tal-UE hija riflessa fil-laqgħat ta' koordinament ma' donaturi oħrajn.

**70**
Id-Delegazzjoni fil-Mozambique tieħu sehem fil-laqgħat ta' koordinament tad-donaturi tas-settur organizzati mill-Ministeru u d-Delegazzjoni hija rrappreżentata bħala donatur ewlieni fis-settur. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tas-sajd iħejju pjan ta' attivitajiet skont ir-regoli nazzjonali u huwa relatat mat-trasparenza tal-attivitajiet iffinanzjati minn donaturi differenti u l-UE. Il-Kummissjoni tqis li ma hemmx riskju ta' finzanzjament doppju.

**72**
Irreferi wkoll għat-tweġiba tal-Punt XI tas-Sommarju Eżekuttiv.

**73**
Il-Kummissjoni għandha l-għan li jkollha l-kontribut tal-appoġġ settorjali msemmi b'mod ċar fil-baġit nazzjonali imma dan jiddependi mil-leġiżlazzjoni finanzjarja nazzjonali tal-pajjiż sieħeb.

Hija l-fehma tal-Kummissjoni li l-appoġġ settorjali pprovdut ikun rintraċċabbli fil-matriċijiet rispettivi tal-pajjiżi sħab.

Il-Kummissjoni ikollha wkoll isserraħ fuq il-fatt li l-azzjonijiet meħuda mill-pajjiż sieħeb għall-implimentazzjoni tal-matriċi rispettiva li tirrigwarda l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali normalment tkun suġġetta għar-regoli nazzjonali rilevanti relatata mal-offerti u l-akkwisti pubbliċi.

**74**
Il-Kumitati Konġunti skont il-Protokolli jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali inkluż, meta disponibbli, il-kosteffettività.

Fir-rigward tal-Mozambique, flimkien mal-monitoraġġ regolari tal-Kumitat Konġunt, il-valutazzjoni finali tal-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali previsti mill-Protokoll 2012-2014 għadha trid issir. Il-Mozambique bħalissa qiegħed fil-proċess li jħejji d-dokumentazzjoni għal din il-valutazzjoni u se jiġi organizzat Kumitat Konġunt biex jirrevedi l-progress.

**75**
Ara t-tweġiba għall-Punt XII tas-Sommarju Eżekuttiv.

Fil-każ tal-Mauritania, il-livell ta' utilizzazzjoni kien affettwat mill-kuntest politiku diffiċli fil-bidu tal-perjodu 2008-2012. Barra minn hekk, l-appoġġ settorjali fil-Protokoll 2013-2014 tnaqqas għal 3 M€/sena wara t-talba espliċita tal-awtoritajiet Mauritanjani: dan ma kienx l-għan inizjali tal-Kummissjoni u lanqas ma kien reazzjoni diretta għan-nuqqas ta' trasparenza mis-sieħeb Mauritanjan.

Il-kapaċità ta' assorbiment tiġi mmonitorjata f'kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt li tivvaluta u tikkummenta sistematikament dwar ir-rata ta' utilizzazzjoni tal-fondi b'titjibiet sinifikanti fil-każ tas-Seychelles u l-Mozambique meta mqabbla mal-protokolli preċedenti.

### 76

L-utilizzazzjoni tal-appoġġ settorjali pprovdut għall-pajjżi sħab hija ddeterminata f'approċċ ta' każ b'każ, fuq il-bażi ta' kif il-pajjiż sieħeb jixtieq juża l-appoġġ fir-rigward tal-iżvilupp tal-politika tas-sajd nazzjonali tagħha.

### Kaxxa 2 — Il-Madagascar

Il-fondi tal-UE huma funġibbi fil-livell tat-teżor pubbliku bħal kull sors ta' introjtu ieħor tal-gvern.

### Kaxxa 2 — Il-Mauritania

L-ammont ta' 25 M€ f'allokazzjonijiet tal-appoġġ settorjali li ma ntefqux huwa r-riżultat ta' reviżjoni konunta. F'Marzu 2013, il-Mauritania bagħtet rapport lill-UE fejn indikat li sa dakinhar il-fondi li kien jifdal kienu jammontaw għal 13 M€. Imma din iċ-ċifra ma kinitx rikonoxxuta konġuntament peress li l-Mauritania ma ġġustifikatx bis-sħiħ il-bażi għall-kalkolu tagħha.

### Kaxxa 2 — Il-Mozambique

Fil-laqgħa tiegħu ta' Ġunju 2012, il-Kumitat Konġunt qabel li jemenda l-programm *ex-post* kif innotat fl-annessi mehmuża mar-rapport u li proġetti infrastrutturali addizzjonali li kienu previsti fil-qafas kumplessiv tal-azzjonijiet maqbula u li kienu ġew inklużi fl-eżerċizzju baġitarju nazzjonali.

### 78

Ara t-tweġiba għall-Punt XII tas-Sommarju Eżekuttiv.

Il-governanza tal-appoġġ settorjali tjieb wara l-PKS irriformata li ddiżakkoppjat il-finanzjament tal-appoġġ settorjali mill-ħlasijiet għall-aċċess, u żiedet il-monitoraġġ u l-applikazzjoni tal-kondizzjonalità fil-proċess tal-Kumitat Konġunt.

Ara t-tweġiba għall-Punt XII tas-Sommarju Eżekuttiv.

### 80

L-iżborżi jitqiesu u jiġu riveduti regolarment fil-kuntest tal-Kumitat Konġunt ta' kull FSS fuq bażi annwali. Jekk il-Kumitat Konġunt ikun ra u qabel li ma kienx hemm utilizzazzjoni adegwata tal-finanzjament ipprovdut, il-ħlas għall-kontribuzzjoni tal-appoġġ settorjali għas-snin ta' wara jista' jkun sospiż sakemm ikun hemm titjib fl-utilizzazzjoni tal-fondi. Dan kien partikolarment il-każ rigward is-Seychelles, il-Mozambique u l-Comoros.

### 81

Jekk ma jkunux inkisbu riżultati f'azzjoni prijoritarja jew ir-riżultati li jkunu nkisbu jkunu limitati, il-ħlas għall-proġetti tal-appoġġ settorjali għas-sena ta' wara jkunu sospiżi sakemm il-miri jintlaħqu.

Dan irid jitqies fil-kuntest li l-azzjonijiet mhumiex fil-parti l-kbira limitati biż-żmien għas-sena finanzjarja kkonċernata, imma jistgħu jkunu ta' natura pluriennali.

### 82

Għalkemm il-kunċetti huma l-istess, l-għanijiet ivarjaw b'mod sinifikanti minħabba l-kamp ta' applikazzjoni differenti u l-iskala tal-appoġġ u kif tiġi ġestita.

Madankollu, hemm iktar koerenza u konsistenza fl-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki bejn is-servizzi tal-Kummissjoni relatati mal-użu u l-iżborż tal-appoġġ settorjali. Dan jiġi applikat fuq il-bażi ta' azzjonijiet fil-mira u identifikabbli b'indikaturi ċari tar-riżultati li magħhom tkun tista' titqabbel il-prestazzjoni.

Il-programmi ta' appoġġ settorjali huma żviluppati u bbażati fuq il-bżonnijiet tal-pajjiż sieħeb u huma diskussi fil-Kumitat Konġunt miż-żewġ Partijiet u l-programm finali tal-attivitajiet huwa riżultat ta' dan il-proċess konsultattiv.

### Kaxxa 3 — Il-Madagascar

Fil-Madagascar, il-ħlasijiet skont il-FSSS komplew wara d-deċiżjoni li l-Madagascar ma jkunx eliġibbli iktar għall-appoġġ baġitarju. Din id-deċiżjoni ttieħdet f'koordinament sħiħ bejn is-servizzi rilevanti tal-istituzzjonijiet tal-UE peress li l-ħlasijiet kienu mmirati lejn l-amministrazzjoni tas-sajd u kienu qed jikkontribwixxu għall-ħarsien tal-impjiegi u t-tkabbir fis-settur tas-sajd, kif ukoll is-sigurtà fl-ikel fil-pajjiż, fil-kuntest tal-kriżi politika.

### Kaxxa 3 — Il-Mozambique

Għalkemm l-appoġġ baġitarju ġie pospost, dan ma kellu l-ebda rabta mal-pagament ta' appoġġ settorjali peress li ma kien hemm l-ebda implikazzjoni diretta fuq l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma ta' appoġġ settorjali speċifiku. Dan, għalhekk, jagħraf in-natura distinta taż-żewġ reġimi ta' appoġġ.

Il-Kummissjoni temmen li iktar koerenza bejn il-politika tal-iżvilupp u dik tas-sajd ma tfissirx bilfors approċċ identiku fir-rigward tal-ħlasijiet ta' fondi skont il-politiki rispettivi, peress li dawn huma t-tnejn regolati minn strumenti ġuridiċi speċifiċi, bil-kundizzjonijiet rispettivi li jridu jiġu rispettati.

**83**

Irreferi għat-tweġiba għall-Punt XI tas-Sommarju Eżekuttiv.

Il-Kummissjoni taħdem biex ikollha kontribuzzjonijiet għall-appoġġ settorjali inklużi fil-Loi de Finance tal-pajjiżi sħab sabiex tkun żgurata t-trasparenza tal-fondi.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

**85**

In-negozjati tal-protokolli tal-FSS jiddependu minn sensiela ta' fatturi, li ħafna minnhom huma barra mill-kontroll tal-Kummissjoni. Hemm regoli li jridu jiġu segwiti li jinvolvu Istituzzjonijiet tal-UE oħrajn jiġifieri l-Kunsill u l-Parlament. Il-ħin kumplessiv tal-proċess tan-negozjati huwa dipendenti ħafna mill-proċeduri ta' adozzjoni interni tal-pajjiż terz sieħeb.

**86**

Dan ir-reġim tranżitorju huwa bbażat fuq l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008 li jiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet tas-sajd għal perjodu ta' żmien limitat ta' sitt xhur, f'sitwazzjoni fejn Protokoll ikun sar bi qbil bejn l-UE u l-pajjiż sieħeb, imma l-Protokoll għadu mhux qed jiġi applikat provviżorjament. Liċenzji tranżitorji bħal dawn li jingħataw fuq bażi strettament volontarja mill-pajjiż sieħeb fuq talba mill-Kummissjoni għandhom jitqiesu xorta bħala liċenzji mogħtija skont il-Ftehim ewlieni (għalkemm fin-nuqqas ta' protokoll) u għalhekk ma jmorrux kontra l-klawżola ta' esklużività (kuntrarjament għal "liċenzji purament privati" li jkunu skont kif spjegat mill-Qorti fil-kawża C-565/13).

**87**

F'dak li jikkonċerna l-ftehimiet "tat-tonn", dan l-approċċ diġà qiegħed jiġi segwit, speċjalment fl-Oċean Indjan fejn is-sajd jeżisti ma' pajjiżi sħab li jsegwu r-rotta migratorja tat-tonn. Fir-rigward tal-ftehimiet "imħalltin", dan ikun iktar diffiċli biex jinkiseb minħabba s-sajd differenti kkonċernat.

**88**
Meta applikabbli, dan il-kunċett jimplika li l-għanijiet tal-ġestjoni, il-miżuri tal-ġestjoni u l-kondiviżjoni ta' għodod stabbiliti mill-Istat kostali flimkien mal-partijiet ikkonċernati differenti huma speċifikati b'mod ċar u magħrufa sew, bħalma hu l-każ tal-Ftehimiet ma' Greenland, mal-Marokk, mal-Mauritania u mal-Guinea-Bissau.

Rigward il-Ftehimiet dwar it-Tonn, l-opportunitajiet ta' sajd huma stabbiliti fuq il-bażi tal-għanijiet ta' ġestjoni u l-miżuri adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (ORGS) li għandhom il-mandat li jwettqu dawn il-kompiti fuq bażi reġjonali, u huma appoġġati mill-ħidma u l-pariri tal-ORGS.

**89**
Il-Kummissjoni tqis il-livell tal-utilizzazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fl-imgħoddi, il-fatturi esterni li jista' jkollhom impatt fuq it-teħid tal-opportunitajiet tas-sajd skont id-disponibilità u l-varjabbiltà tal-ħut maqbuda.

Il-livelli ta' referenza tal-ħut maqbuda ffissati fil-protokolli tal-FSS dwar it-tonn – li mhumiex limiti għall-ammont ta' ħut maqbuda – huma bbażati fuq qabdiet ta' ħut irrapportati preċedentement mill-flotot tas-sajd tal-UE. It-tunnellaġġ ta' referenza maqbul fil-Protokolli rispettivi, prerekwiżit essenzjali għal sħabna, jipprovdi l-bażi ġuridika għall-ħlas tal-kontribut tal-UE għall-aċċess. Madankollu dawn il-livelli ta' referenza għall-qabdiet iridu jqisu wkoll il-varjabbiltà interannwali għolja ta' qabdiet fiż-żoni differenti, minħabba l-varjabbiltà tad-distribuzzjoni u l-abbundanza ta' speċijiet li jemigraw ħafna fuq bażi annwali.

Rigward ir-rabta bejn is-sottoutilizzazzjoni possibbli tal-possibilitajiet ta' sajd u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni teknika (MKT) iktar limitattivi, irid jiġi mfakkar li dawn il-MKT huma maqbula bejn iż-żewġ partijiet biex jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet differenti, biex jitnaqqas l-impatt fuq l-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi marini u biex jiġu evitati kunflitti bejn flotot industrijali barranin lil hinn mill-kosta u sajjieda artiġjanali qrib il-kosta tal-Istat kostali.

Miżuri tekniċi ta' konservazzjoni huma f'ħafna każijiet imnaqqxa fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiżi sħab u għalhekk mhumiex negozzjabbli. Dawn iridu jiġu inkorporati fil-FSSS.

Il-prinċipju ta' ħlas tal-kontribuzzjoni tal-aċċess bil-quddiem mingħand l-UE jipprovdi dħul stabbli għall-pajjiż sieħeb, li jagħmel il-FSSS għodod ta' governanza attraenti.

**90**
Il-Kummissjoni kienet konxja bil-problemi ta' kumparabbiltà fil-metodoloġija applikata mill-konsulenti indipendenti fit-twettiq tal-evalwazzjonijiet. Wara l-awditjar intern u fuq il-bażi tal-linji gwida li rriżultaw minn dan l-awditjar, il-Kummissjoni stabbiliet mudell komuni għat-Termini ta' Referenza għall-evalwazzjonijiet li riedu jitwettqu fil-kuntest tal-FSSS. Metodoloġija komuni unika relatata mal-valutazzjoni tal-impatti ekonomiċi tal-FSS kienet maqbula u implimentata mill-bidu tal-2015.

**Rakkomandazzjoni 1 (a)**
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

**Rakkomandazzjoni 1 (b)**
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u bdiet bl-implimentazzjoni tagħha.

**Rakkomandazzjoni 1 (c)**
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni, li l-implimentazzjoni tagħha hija suġġetta għan-negozjati u l-qbil kemm tal-UE kif ukoll tal-pajjiż terz ikkonċernat.

**Rakkomandazzjoni 1 (d)**
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni, diġà bdiet il-proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet kkonċernati.

### Rakkomandazzjoni 1 (e)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

F'Diċembru 2014 ġiet ippreżentata metodoloġija ġdida lill-Kummissjoni u din ġiet aċċettata f'Jannar 2015. Din se tipprovdi bażi komuni għat-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-impatti ekonomiċi tal-Protokolli, li se jitwettqu qabel ma jsiru negozjoti futuri. Ladarba din il-metodolġija tkun applikata sistematikament hija tkun it-tweġiba kompluta għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.

### 92
F'dawn l-aħħar snin il-Kummissjoni daħlet fi proċess ta' tfassil mill-ġdid tal-għodod tal-IT tagħha u nediet l-hekk imsejjaħ "Proġett ta' Liċenzja tal-IT" fil-bidu tal-2013 li se jirreġistra kemm it-trażmissjoni u kemm is-segwitu għall-awtorizzazzjonijiet, b'mod diġitali. L-għodod tal-IT eżistenti jippermettu lill-Kummissjoni tiġġestixxi aħjar il-proċeduri relatati mal-applikazzjonijiet u l-konċessjonijiet tal-awtorizzazzjoni għas-sajd, mill-introduzzjoni tat-talba kompluta mill-Istat Membru sal-konċessjoni tal-awtorizzazzjoni mill-pajjiż terz.

### 93
Il-Kummissjoni ilha mill-2011 tiżviluppa proċeduri ġodda ta' trażmissjoni tad-dejta u bażijiet ta' dejta ġodda, partikolarment l-hekk imsejħa "DataWareHouse", biex ikun hemm monitoraġġ aħjar u iktar xieraq tal-qabdiet kollha li jsiru mill-bastimenti tas-sajd tal-UE. Dan kien disponibbli fi tmiem l-2013 u sar progressivament operattiv tul l-2014 skont il-kapaċità tal-Istati Membri li jimplimentaw is-sistema. Meta ġew identifikati kwistjonijiet speċifiċi dawn ġew diskussi mal-Istati Membri.

### Rakkomandazzjoni 2 (a)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li diġà qed tieħu l-passi neċessarji biex tirrettifika din is-sitwazzjoni.

F'dawn l-aħħar snin il-Kummissjoni daħlet fi proċess ta' tfassil mill-ġdid tal-għodod tal-IT tagħha u nediet l-hekk imsejjaħ "Proġett ta' Liċenzja tal-IT" biex tirreġistra kemm it-trażmissjoni u kemm is-segwitu għall-awtorizzazzjonijiet, b'mod diġitali.

### Rakkomandazzjoni 2 (b)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li diġà qed tieħu l-passi neċessarji biex tirrettifika din is-sitwazzjoni.

Matul in-negozjati għat-tiġdid tal-Protokolli, il-Kummissjoni tippromwovi attivament l-użu ta' liċenzji elettroniċi għall-bastimenti tal-UE.

### Rakkomandazzjoni 2 (c)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li diġà qed tieħu l-passi neċessarji biex tirrettifika din is-sitwazzjoni.

Il-Kummissjoni qiegħda f'kuntatt kostanti mal-Istati Membri biex jissolvew il-kwistjonijiet tekniċi kollha.

### 94
Il-linji gwida stabbiliti mis-servizzi tal-Kummissjoni fl-2013 u aġġornati fl-2014 għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali jistabbilixxu l-prinċipji li jridu jiġu segwiti għad-definizzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ settorjali u regoli speċifiċi rigward ir-rekwiżiti ta' rappurtar. Dan jippermetti aġġustamenti għall-programm li jkunu maqbula mill-Kumitat Konġunt.

Dawn il-linji gwida ġew ikkomplementati fi Protokolli reċenti permezz tal-introduzzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ settorjali.

Dawn jirrikjedu, fost affarijiet oħra, l-iżvilupp u l-qbil dwar matriċi ta' attivitajiet li jridu jiġu ffinanzjati mill-appoġġ settorjali li jidentifikaw biċ-ċar l-azzjonijiet li jridu jiġu appoġġati, il-miri u r-riżultati miksuba.

Il-matriċi tiġi eżaminata regolarment mill-Kumitat Konġunt u mmonitorjata mill-Attaché tas-Sajd biex jiżgura li l-programm tal-matriċi ikun qed jiġi rispettat.

**95**
Wara l-PKS il-ġdida adottata fl-2013, inkluż id-diżakkoppjament tal-ħlasijiet ta' appoġġ settorjali minn dawk relatati mad-drittijiet ta' aċċess, u l-kundizzjonalità relatata ma' dawn il-ħlasijiet, issa huma marbuta direttament mal-prestazzjoni u l-utilizzazzjoni tal-appoġġ settorjali.

Appoġġ settorjali pprovdut mill-FSSS huwa pprovdut fuq il-bażi ta' għadd limitat ta' azzjonijiet speċifiċi proposti mill-pajjiż sieħeb u mhux fuq approċċ sistemiku bħall-FEŻ, li, fost affarijiet oħra, jipprovdi appoġġ baġitarju. Barra minn hekk, appoġġ settorjali ġeneralment ikun inqas minn dak ipprovdut mill-FEŻ.

Hemm dispożizzjonijiet previsti għar-reviżjoni tal-appoġġ settorjali fil-Kumitat Konġunt għall-każijiet fejn il-pajjiż sieħeb jitlob ir-riallokazzjoni tal-fondi fil-programm b'ġustifikazzjoni xierqa jew, jekk ikun hemm bżonn, is-sospensjoni ta' ħlasijiet settorjali sakemm issir l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-appoġġ settorjali.

**Rakkomandazzjoni 3 (a)**
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li ġiet parzjalment implimentata billi stabbiliet linji gwida speċifiċi għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ settorjali u l-Kummissjoni se tieħu l-passi neċessarji għall-implimentazzjoni sħiħa imma dan huwa suġġett għan-negozjati ma' pajjiżi terzi.

**Rakkomandazzjoni 3 (b)**
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li kienet parzjalment implimentata.

Il-PKS il-ġdida għamlet il-"konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni" wieħed mill-prinċipji ta' governanza tajba (l-Artikolu 3(h) tar-Regolament UE Nru 1380/2013. Fuq dik il-bażi, l-aspetti tas-sajd qegħdin jingħataw dejjem iktar importanza fil-politika tal-iżvilupp.

**Rakkomandazzjoni 3 (c)**
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li qiegħda tiġi parzjalment implimentata.

L-iżborżi jitqiesu fil-kuntest tal-Kumitat Konġunt ta' kull FSS fuq bażi annwali. Jekk il-Kumitat Konġunt ikun ra u qabel li ma kienx hemm utilizzazzjoni adegwata tal-finanzjament ipprovdut, il-ħlas għall-kontribuzzjoni tal-appoġġ settorjali għas-snin ta' wara jista' jkun sospiż.

**Tweġiba għat-tabella 4**
Għall-Mozambique verifika sussegwenti mill-Kummissjoni wasslet għall-korrezzjoni taċ-ċifri. L-informazzjoni attwali li għandha l-Kummissjoni tindika li l-qabdiet kienu ta' 2330t, li jirrifletti l-kwantità rrappurtata minn Spanja u Franza fl-istess sena (2326t).

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

L-Unjoni Ewropea (UE) tinnegozja ftehimiet ma' pajjiżi kostali biex tikseb drittijiet ta' aċċess għall-bastimenti tal-UE u biex tappoġġa l-governanza u l-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd lokali. Il-Qorti sabet li dawn il-ftehimiet kienu ġeneralment immaniġġjati tajjeb mill-Kummissjoni Ewropea, iżda li kien meħtieġ xi titjib. Il-kwantitajiet ta' ħut innegozjati mal-pajjiżi kostali kienu jaqbżu regolarment l-użu reali li kien isir mill-flotta tal-UE, u b'hekk kienu jagħmlu l-ftehimiet relattivament aktar għaljin milli mistenni għall-UE. Il-monitoraġġ tad-*data* dwar il-qabdiet u tal-proċess ta' ħruġ tal-liċenzji ma kienx robust b'mod suffiċjenti, u l-appoġġ ipprovdut għall-iżvilupp sostenibbli tas-setturi tas-sajd lokali kien jeħtieġ kundizzjonijiet aktar ċari ta' eliġibbiltà, u koordinazzjoni u konsistenza aħjar ma' appoġġ ieħor tal-UE għall-iżvilupp.


CURIA RATIONUM
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet